# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 7 ta' April 2025**

**Numru 1**

**Rikors Maħluf Numru 388/2014**

**Marouska Fenech**

***v.***

***Support Services Limited* (C-30778);**
**Tabib Ewlieni tal-Gvern**

1. Dawn huma żewġ appelli – wieħed tat-Tabib Ewlieni tal-Gvern u l-ieħor tas-soċjetà konvenuta – minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-8 ta' Mejju 2018 li ikkundannat lill-konvenuti flimkien *in solidum* jagħmlu tajjeb għad-danni li ġarrbet l-attriċi bi ħtija tagħhom f'inċident li seħħ fl-Isptar *Mater Dei* nhar it-22 ta' Diċembru 2012.

2. Il-fatti relevanti ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»Bħala fatti li joħorġu mill-atti jirriżulta li l-attriċi, meta ġara l-inċident, kellha għoxrin (20) sena. Hija kienet impjegata ma' *SSL*[1] fuq bażi *full-time* bħala *care worker* u kienet tagħti s-servizz tagħha fl-isptar bħala *reliever* skond fejn kien meħtieġ. Nhar it-22 ta' Diċembru 2012, kienet xogħol fil-*Cardiac Critical Care Unit* (*CCCU*) u l-*Cardiac Medical Ward* (*CMW*) matul il-jum. Waqt li kienet qiegħda taħsel xi platti u kikkri fil-*pantry* (kċina) ta' waħda mill-imsemmija swali, marret biex timsaħ xi ilma li xxerred fuq il-bank tal-kċina u, meta ġiet biex timsaħ ilma li nġama' wara *boiler*, għollietu u nstamtet bil-misħun ta' ġo fih f'diversi partijiet ta' ġisimha.

»Jirriżulta li l-*boiler* kien mgħotti b'għatu li ma jingħalaqx, dan sabiex ma jisplodix bis-sħana. Ħareġ ukoll li l-għatu li kien mgħotti bih ma kienx l-għatu oriġinali li nxtara miegħu, għaliex kien sarlu għatu ieħor billi l-plastika tal-għatu l-oriġinali kienet ittieklet. Ħareġ ukoll li dakinhar tal-inċident, il-*boiler* kien imqiegħed fuq kaxxa tal-plastika li fiha jin-żammu kontenituri tal-*yoghurt*. Tfisser lill-Qorti li l-kaxxa kienet tqiegħdet taħt il-*boiler* ħalli min jiftaħ il-vit tiegħu (li jinsab lejn il-qiegħ) biex iferra' l-misħun, ma jkollux għalfejn jinqeda b'mezzi oħrajn u jkun jista' jimla r-reċipjent li jkun bla tbatija.

»Malli seħħ l-inċident, l-attriċi ngħatat trattament minnufih fit-Taqsima tal-Emerġenza u ttieħdet fit-Taqsima tal-Kura kontra l-Ħruq u ftit tal-jiem wara saritilha operazzjoni li kienet tinkludi t-teħid ta' ġilda minn banda u t-tqegħid tagħha fuq partijiet li fuqhom waqa' l-misħun (*skin grafting*). L-attriċi għadha sallum tapplika ingwent b'mod regolari sabiex tieħu ħsieb il-ġilda tagħha. Hija nżammet l-Isptar għall-kura għal bosta ġimgħat u wara għamlet żmien id-dar sabiex tirkupra mill-ġrieħi li ġarrbet.

»Jirriżulta li l-*boiler* kien proprjetà tal-isptar, u dakinhar li seħħ l-inċident kien mimli b'ilma aktar milli suppost. Minn spezzjoni li kienet saret qabel l-inċident, jirriżulta li l-*boiler* kien jaħdem tajjeb. Wara l-inċident, il-*boiler* ma baqax jintrifed aktar fuq il-kaxxa tal-plastika u beda jitqiegħed dirett fuq il-bank tal-kċina.

»Sar rapport tal-inċident lill-Pulizija minn qraba tal-attriċi u lill-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol mill-attriċi fil-bidu ta' Jannar tal-2013. Din tal-aħħar wettqet l-investigazzjonijiet meħtieġa fil-ġranet ta' wara.

»Jirriżulta li, sakemm damet ma tidħolx għax-xogħol, l-attriċi baqgħet titħallas il-paga kif meħtieġ. Dakinhar li seħħ l-inċident, l-attriċi talbet ukoll biex tingħata l-Benefiċċju għall-Korriment mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali.

»L-attriċi ġiet ċertifikata mill-kirurgu li operaha bħala li kienet ġarrbet debilità li ma tfieqx ta' tlettax fil-mija (13%). L-espert mediku maħtur mill-qorti ċċertifika d-debilità bħala dik ta' sitta fil-mija (6%).

»Fl-24 ta' Marzu 2014, l-attriċi bagħtet ittra uffiċjali lill-imħarrkin sabiex iżżommhom responsabbli għal dak li ġaralha u sabiex jersqu għall-likwidazzjoni u l-ħlas ta' danni mġarrba minnha.

»Fis-7 ta' Mejju 2014, infetħet din il-kawża.«

---

1 Is-soċjetà konvenuta *Support Services Ltd*

3. Fid-dawl ta' dawn il-fatti l-attriċi talbet illi l-qorti:

»i. tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli *in solidum* jew separatament versu l-attriċi għall-inċident fuq imsemmi tat-22 ta' Diċembru tas-sena 2012 fl-isptar *Mater Dei* f'liema inċident korriet l-attriċi u għad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attriċi;

»ii. tillikwida d-danni sofferti mill-attriċi konsegwenza tal-istess inċident, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

»iii. tikkundanna u tordna lill-konvenuti u jew min minnhom, separatament jew *in solidum* bejniethom sabiex iħallsu lill-attriċi dawn id-danni hekk kif likwidati minn din il-qorti.

»Bl-ispejjeż … … …

4. It-Tabib Ewlieni tal-Gvern ressaq dawn l-eċċezzjonijiet, fost oħrajn:

»… … …

»2. … … … ir-rikorrenti [*i.e.* l-attriċi] kienet impjegata mal-kumpannija *Support Services Limited* u għaldaqstant qatt ma kien hemm relazzjoni ġuridika kontrattwali bejn ir-rikorrenti u l-esponenti.

»3. Għaldaqstant l-esponenti mhux il-leġittimu kontradittur u għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju in kwantu l-allegazzjonijiet fil-konfront tal-esponenti illi huwa responsabbli għad-danni subiti mir-rikorrenta għandu jingħad illi l-*boiler* in kwistjoni ma kienx difettuż u kienet l-attriċi nnifisha illi ipprovat jew ittentat iċċaqlaq il-*boiler* meta dan kien mimli bl-ilma jgħali u għalhekk hija l-unika persuna responsabbli mill-inċident u l-eventwali danni.

»4. L-esponenti ta l-attenzjoni medika neċessarja lil attriċi b'mod tempestiv u għalhekk żgur ma jistax jirrispondi għad-danni minnha pretiżi.

»… … …«

5. Is-soċjetà konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet, fost oħrajn:

»1. Fl-ewwel lok is-soċjetà intimata mhix il-leġittimu kontradittur u għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju, u dan peress illi l-allegat kawża tal-inċident, *ossia* l-*boiler*, mhux proprjetà tas-soċjetà mittenti [*recte*, konvenuta], mhux amministrat mis-soċjetà mittenti u hija responsabbilità tas-sid u l-amministratur tal-*boiler* li jirrispondi għall-pretensjonijiet tar-rikorrenti.

»… … …

»3. Mingħajr preġudizzju u fi kwalunkwe każ, ma huwiex minnu illi s-soċjetà intimata hija responsabbli għal xi danni allegatament sofferti mir-rikorrenti, tenut kont illi r-rikorrenti kienet qegħda taħdem fi sptar li huwa magħruf minn kulħadd (*public knowledge*) bħala *state of the art*, u ż-żamma u s-sigurtà tal-istess sptar, il-makkinarju u l-inġenji li għandu u li huwa attrezzat bih, ma huma, taħt ebda ċirkostanza, responsabbilità tas-soċjetà mittenti.

»4. Ukoll mingħajr preġudizzju għas-suespost u fi kwalunkwe każ, ir-rikorrent kienet fil-mument ta' l-inċident munita bl-attrezzaturi kollha neċessarji għall-aħjar protezzjoni tagħha fuq il-post tax-xogħol.

»… … …«

6. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

»tilqa' l-ewwel talba attriċi u ssib lill-imħarrkin solidalment responsabbli għad-danni mġarrba mill-attriċi bħala riżultat tal-inċident li seħħ fl-Isptar *Mater Dei* nhar it-22 ta' Diċembru 2012;

»tilqa' t-tieni talba attriċi u tillikwida d-danni mġarrba mill-attriċi fl-ammont ta' dsatax-il elf mija u sitt euro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€19,106.42);

»tilqa' t-tielet talba attriċi billi tikkundanna lill-imħarrkin, flimkien u solidalment bejniethom, biex iħallsu lill-attriċi s-somma ta' dsatax-il elf mija u sitt euro u tnejn u erbgħin ċenteżmi (€19,106.42), flimkien mal-imgħax legali millum sal-jum tal-ħlas effettiv;

»tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-imħarrkin għaliex mhumiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

»tordna lill-imħarrkin iħallsu l-ispejjeż tal-kawża flimkien u solidalment bejniethom.«

7. Safejn relevanti għall-appelli tal-lum, l-ewwel qorti fissret hekk ir-raġunijiet li wassluha għad-deċiżjoni tagħha:

»Il-qorti sejra tgħaddi biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-każ. L-ewwel ħaġa li l-qorti trid tistħarreġ huwa min kien jaħti għall-inċident li fih korriet l-attriċi, u dan fid-dawl tal-eċċezzjonijiet imressqin mill-imħarrkin partikolarment dawk li jgħidu li ma jaħtu xejn għall-inċident, jew saħansitra li l-inċident seħħ tort tagħha. F'dan ir-rigward, il-qorti trid tistħarreġ it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-imħarrek Tabib Ewlieni u l-ewwel eċċezzjoni preliminari mressqa minn *SSL*, li lkoll jgħidu li mhumiex il-leġittimi kontradittur tal-azzjoni attriċi.

»Fir-rigward tat-tabib imħarrek, irid jingħad mill-bidunett illi din l-eċċezzjoni tqajmet bħala eċċezzjoni fir-risposta maħlufa u jistrieħ fuq il-fatt li l-attriċi ma kenitx impjegata miegħu imma ma' *SSL*. Min-naħa l-oħra, *SSL* tistrieħ fuq il-fatt li l-attriċi tat is-servizz tagħha fl-isptar, u li hija ma kellhiex kontroll fuq il-miżuri ta' sigurtà li jingħataw lill-impjegati fl-isptar imsemmi li mhux imħaddem minnha.

»Huwa minnu li dakinhar tal-inċident l-attriċi kienet impjegata ma' *SSL* u għaldaqstant hemm relazzjoni kuntrattwali bejniethom. Dan il-fatt innifsu jitfa' piż fuq min iħaddem li jipprovdi kundizzjonijiet tax-xogħol għall-impjegati tiegħu 'il bogħod minn kull periklu, u li l-fatt li *SSL* kienet ikkuntrattat mal-isptar l-għoti tas-servizzi tal-attriċi u sħabha ma

kienx iġib fix-xejn dik ir-rabta kuntrattwali u l-obbligi li jinstiltu minnha. Fl-istess waqt l-inċident seħħ meta l-attriċi kienet qiegħda tagħti s-servizz tagħha fl-isptar, li t-tmexxija tiegħu taqa' f'ħoġor l-imħarrek Tabib Ewlieni. Għaldaqstant it-tabib imħarrek kellu wkoll rwol prinċipali f'dak li ġara fil-jum tal-inċident ġaladarba l-inċident seħħ f'post immexxi minnu, minħabba tagħmir proprjetà tiegħu u waqt il-kors ta' twettiq ta' xogħol ordnat minnu. F'dan ir-rigward, il-qorti tirreferi għal sotto-missjoni magħmula mit-tabib imħarrek innifsu li fih jiġbor ir-raġuni għaliex l-eċċezzjoni preliminari mqajma minnhom ma jmisshiex tin-tlaqa', jekk imqar għar-raġunijiet imsemmijin minnhom.

»Il-liġi trid li kull wieħed iwieġeb għal ħsara li tiġri bil-ħtija tiegħu, u jitqies fi ħtija kull minn fl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja. Fil-fehma tal-qorti, l-imħarrkin it-tnejn għandhom iġorru r-responsabbilità tagħhom li għad trid tiġi mistħarrġa. Il-qrati tagħna ilhom li fissru li d-dikjarazzjoni tal-qorti li parti f'kawża tkun leġittimu kontradittur ma tfissirx li l-qorti ma setgħetx, fil-konsiderazzjoni tal-eċċezzjonijiet imqajma kontra t-talbiet attriċi, tasal għall-konklużjoni li l-imħarrek – meqjus *prima facie* bħala leġittimu kontradittur – jista', wara t-trattazzjoni tal-kawża, jirriżulta għal kollox estraneju għar-responsabilitajiet lilu addebitati mill-attur fl-azzjoni minnu tentata.

»Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-qorti sejra tiċħad it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tat-tabib imħarrek u l-ewwel eċċezzjoni ta' *SSL* billi mhix mistħoqqa.

»Imiss issa li l-qorti tqis il-mertu tat-talbiet attriċi. Bħal f'kull każ ieħor ta' azzjoni mibnija fuq id-dannu u l-kumpens pretiż, l-ewwel stħarriġ li trid tagħmel il-qorti huwa dak dwar x'ġara tassew fl-episodju in kwestjoni u x'rabta kellu ma' dak li għaddiet minnu l-attriċi. B'dan il-mod, tkun f'qagħda li tagħmel il-kostatazzjonijiet tagħha dwar min jaħti għal dak li ġara u min irid jagħmel tajjeb għalih.

»Huwa l-obbligu ta' kull parti attriċi li ġġib provi tajba biżżejjed biex issostni l-każ tagħha. Il-korriment waħdu marbut max-xogħol li l-ħaddiem kien qiegħed jagħmel dak il-ħin ma jissarrafx, fih innifsu, fis-sejbien tal-ħtija ta' min kien qed iħaddmu. It-teżi waħdanija tal-attriċi hija li korriet waqt li kienet qed taħdem u tagħmel dak li tqabbdet tagħmel, filwaqt li tisħaq li *SSL* naqset mill-obbligi tagħha li tħarisha milli tkorri fuq xogħolha. L-attriċi tgħid li *SSL* naqset li tara li tipprovdi tagħmir tax-xogħol xieraq, jiġifieri *boiler* li ma kellux għatu li jingħalaq u li għaldaqstant jissiġilla l-misħun mill-ambjent ta' barra, kif ukoll li l-istess *boiler* kien tqiegħed mirfud fuq kaxxa tal-plastika u mhux dirett fuq il-bank tal-kċina. Min-naħa l-oħra, it-tabib imħarrek jixli lill-attriċi bi traskuraġni u jgħid li l-ħsara ġabitha l-attriċi b'idejha stess meta ċaqalqet il-*boiler* li kien mimli b'ilma jagħli. *SSL* tiddefendi l-każ tagħha billi tgħid li l-*boiler* huwa proprjetà tat-tabib imħarrek u għaldaqstant għandu jwieġeb għal dak li ġara l-imsemmi mħarrek.

»Fid-dawl ta' dawn il-linji difensjonali tal-imħarrkin, il-qorti sejra tistħarreġ il-kwestjoni tar-responsabbiltà għal dak li wassal għall-inċident u għall-korriment tal-attriċi fid-dawl kemm tal-pretensjonijiet tal-istess attriċi wkoll tal-imsemmija difiżi mressqa mill-imħarrkin.

»Id-duttrina tgħallem li fil-qasam ta' responsabbiltà dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, japplikaw kemm regoli ġenerali kif ukoll speċjali. Ir-regoli ġenerali jgħabbu lil kull persuna bir-responsabbiltà għall-għemil jew nuqqas ta' għemil tagħha. B'żieda ma' dan, kull min iħaddem irid iwieġeb għall-aġir tiegħu mal-ħaddiem tiegħu, sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew b'rieda, ikun hu nnifsu ġab l-effetti tal-inċident b'idejh.

»B'żieda ma' dan, hija regola oħra ewlenija f'dan il-qasam li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'ambjent li jżomm 'il bogħod kull periklu u dan billi jiżgura li jitħaddem sistema xieraq ta' ħarsien minn kull periklu fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub. Fid-dritt, dan id-dmir iġorr miegħu grad għoli ta' responsabbiltà fuq l-imgħallem, u jaqa' fuqu l-piż li jipprova li l-inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Huwa wkoll dmir li jitfa' fuq min iħaddem il-piż li jieħu miżuri preskritti xierqa u jġib miegħu wkoll id-dmir tal-għoti ta' tagħrif meħtieġ, l-għoti ta' tagħlim u taħriġ u kif ukoll superviżjoni biex titħares is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiem.

»Huwa stabilit li dan id-dmir ta' min iħaddem jitlob ukoll li s-sistema tax-xogħol li jkun għandu jħares lill-ħaddiem ukoll fil-każ li r-rutina tal-istess xogħol tnissel sens ta' aljenazzjoni jew traskuraġni. Daqstant ieħor ifisser li jekk sistema jkun ilu jitħaddem għal tul ta' żmien bla ma qatt ikun inqala' xi inċident, dan ma jfissirx li dak is-sistema huwa wieħed sikur jew li jeħles lill-imgħallem mir-rabtiet imposti fuqu mil-liġi.

»Irid jingħad ukoll li l-imsemmi grad għoli ta' responsabbiltà fuq min iħaddem ma jeħlisx lil min jaħdem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq, u, b'mod partikolari, għandu jimxi id f'id ma' min ikun qiegħed iħaddmu safejn jidħlu l-obbligi li l-liġi tqiegħed fuq spallejn l-imgħallem u l-awtoritajiet kompetenti u għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għar-riskju bla bżonn u li joqgħod f'kull ħin attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel. B'mod partikolari, ħaddiem għandu jkun konxju tal-perikli fuq il-lant tax-xogħol tiegħu u ma għandu qatt jagħmel manuvri ażżardati li jgħollu r-riskju tal-ħsara jew tal-korriment lilu nnifsu u 'l dawk ta' madwaru.

»Dan kollu juri li r-responsabbiltà tal-imgħallem mhijiex waħda li tabilfors tintrabat miegħu awtomatikament għal kull inċident li jġarrab xi impjegat tiegħu waqt ħin ix-xogħol (dik li tissejjaħ *strict liability*). Għalkemm hija responsabbiltà li titlob prudenza, għaqal u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja, ma titlobx grad ogħla ta' responsabbiltà, u tista' saħansitra tixxejjen jekk kemm-il darba l-impjegat innifsu jkun traskurat jew saħansitra jmur kontra dak li jkun intalab li jagħmel jew li m'għandux jagħmel.

»Biex isir stħarriġ xieraq tad-dinamika dwar kif ikun seħħ inċident, jeħtieġ li l-qorti tqis l-ambjent kollu tal-post tax-xogħol, jiġifieri mhux biss tal-makkinarju jew l-impjant li fuqu jew bih ikun qiegħed jitwettaq

ix-xogħol magħżul, imma saħansitra l-mod kif ikun qed jitwettaq ix-xogħol u l-ambjent li fih il-ħaddiem involut ikun tqiegħed jaħdem mill-imgħallem tiegħu.

»Fil-każ tal-lum mhux kontestat illi l-attriċi kienet qed tagħmel dak li ġiet imqabbda li tagħmel kemm mill-imgħallem tagħha (*SSL*) u kif ukoll minn min kien imexxi s-swali tal-isptar li fihom kienet intbagħtet taħdem, jiġifieri dak ta' *care worker* f'waħda mill-imsemmija swali. Tant hu hekk li l-inċident seħħ waqt li l-attriċi kienet għadha kif ġabret il-kikkri u l-plattini tal-kolazzjon tal-pazjenti rikoverati fl-istess sala u ħaslithom.

»It-talbiet attriċi huma marbuta mal-argument li l-*boiler* mimli b'ilma jagħli kien nieqes mis-sigurtà meħtieġa, jiġifieri dak li jkollu għatu li jingħalaq sewwa. Minbarra dan, tilminta li l-*boiler* kien tfawwar (minn xi ħadd li baqa' qatt ma kien magħruf min hu) b'ilma aktar milli suppost u nqabeż l-ogħla livell ta' ilma li messu kien intefa' fih, u li l-*boiler* kien intrifed fuq kaxxa tal-plastika minflok tqiegħed dirett fuq il-wiċċ stabbli tal-bank tal-kċina. F'kelma waħda, l-attriċi tgħid li l-imħarrkin naqsu li jipprovdu ambjent 'il bogħod mill-periklu tant li, b'riħet dak l-istess periklu li kienet esposta għalih, seħħ l-inċident u ġarrbet ġrieħi li ma jgħaddulhiex.

»It-Tabib Ewlieni mħarrek, min-naħa l-oħra, jiċħad dan kollu u jgħid li l-*boiler* ma kien bl-ebda mod difettuż, ma kienx maħsub li l-għatu tiegħu jissiġilla l-kontenut (biex ma jisplodix kollox bil-pressjoni li titla' hu u jisħon l-ilma), li kien impoġġi fuq wiċċ sod, u li l-attriċi qatt ma messha ċaqalqitu meta kienet taf li kien mimli b'ilma jagħli. Din ta' l-aħħar hija d-difiża tal-kontributorjetà għal dak li seħħ.

»*SSL* tisħaq li l-kontenitur ma kien qatt proprjetà tagħha, li ma għandhiex aċċess u kontrol fuq x'jiġri fis-swali tal-isptar, u li ħadd mill-impjegati tagħha ma qatt ressaq ilmenti marbuta mal-*boilers* u dwar kif kienu jinżammu jew jitħaddmu.

»Qabel kull ħaġa oħra, il-qorti sejra tistħarreġ id-difiża ta' kontributorjetà mressqa mill-imħarrek Tabib Ewlieni. F'każ ta' kontributorjetà jgħodd l-artikolu 1051 tal-Kodiċi Ċivili, li bis-saħħa tiegħu n-negligenza tal-parti li tbati l-ħsara tnaqqas mir-responsabbilità tad-danneġġjant. Mill-mod kif inhi l-liġi llum fis-seħħ f'dan ir-rigward, m'hemm l-ebda regola fissa jew determinanti li tgħid kemm għandu jkun dak il-proporzjon jew frazzjoni oħra, u dan għaliex id-diskrezzjoni li hija mħollija f'idejn il-qorti għandha tinbena fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u l-provi riżultanti. Jista' għalhekk ikun li l-kontributorjetà għall-ħsara tkun tali li tkun għal kollox determinanti bħala kawża u effett u b'hekk tneħħi kull rabta ta' ħtija minn fuq il-persuna li setgħet ikkawżat dik il-ħsara. Dan kollu ma jneħħi xejn mis-siwi tal-prinċipju tad-dritt proċedurali li *onus incumbit ei qui dixit*, u għalhekk l-allegazzjoni tal-kontributorjetà tal-persuna mġarrba trid tkun ippruvata kif imiss mill-persuna li tallegaha.

»Minħabba li kull inċident għandu l-karatteristiċi u ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu, wieħed ma jistax jgħid minn qabel fiex tkun tikkonsisti l-kontributorjetà min-naħa tal-persuna mġarrba. Madankollu, b'linja ta'

prinċipji ġenerali, wieħed jista' jqis li jkun hemm kontributorjetà fejn l-impjegat jonqos li joqgħod għal struzzjonijiet speċifiċi li jingħata mis-superjuri tiegħu, l-aktar fejn jidħol l-aspett ta' periklu, jew meta l-impjegat jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li l-ħila tiegħu u s-sengħa fix-xogħol li jkun tqabbad jagħmel imisshom inebbħuh biex jevita, jew meta l-istess impjegat jonqos li jinqeda b'sens komun u jqiegħed lilu nnifsu fil-għajn tal-periklu jew ħsara għalih innifsu jew għal saħħtu. Bosta drabi, din l-imġiba trid tkun saret bir-rieda tal-persuna mġarrba u timxi id f'id mal-massima li *volenti non fit iniuria*;

»Kif ingħad f'ċirkostanzi oħrajn bħal dawn, "*Negligence depends on a breach of duty, whereas contributory negligence does not. Negligence is a man's carelessness in breach of duty to others. Contributory negligence is a man's carelessness in looking after his own safety. He is guilty of contributory negligence if he ought reasonably to have foreseen that, if he did not act as a reasonable prudent man, he might hurt himself*".

»Huwa mgħallem u aċċettat b'awtorità li, biex tirnexxi l-imsemmija difiża, il-parti li tqajjem dik l-eċċezzjoni trid turi li l-parti mġarrba (i) kienet aċċettat bi qbil li twettaq xi ħaga li esponietha għal riskju; (ii) li dik l-aċċettazzjoni tkun waħda volontarja; u (iii) li meta l-parti aċċettat, hija kienet tagħraf bis-sħiħ l-għamla u l-possibilità tar-riskju li dieħla għalih. Dawn l-elementi marbutin u mħaddma flimkien iservu biex jaqtgħu l-ġrajja dannuża mir-rabta tagħha mal-effetti li ġġib u dan billi l-għemil tal-parti mġarrba jaqta' r-rabta tal-kawżalità mill-għemil tal-parti l-oħra.

»Fid-dawl tal-prinċipji li għadhom kemm issemmew, il-qorti tasal għall-fehma li l-attriċi ma setgħetx ikkontribwiet għall-inċident, dan billi ma ġiex ippruvat li minn rajha jew b'rieda aċċettat li tidħol għal riskju li kienet taf x'isarraf. Huwa minnu li ma kienx għaqli li tipprova ċċaqlaq *boiler* mimli b'ilma jagħli, iżda, kif sewwa fisser ir-rappreżentant tal-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, l-inċident kien dovut għas-sehem ta' bosta nies, ibda minn dik il-persuna li ppermettiet li tinżamm prassi xejn tajba fejn *boiler* jintrifed fuq wiċċ mhux sod, sal-fatt li t-tmexxija tas-sala ma tafx min seta' mela l-*boiler* bl-ilma aktar milli suppost. Ta' min jgħid ukoll li, mill-provi mressqa, wara li seħħ l-inċident, mhux biss twaqqfet il-prattika li l-*boiler* jintrifed fuq qiegħ ħafif, imma l-istess *boiler* inbidel b'wieħed ta' għamla u disinn differenti, fosthom fil-mod kif jingħalaq l-għatu tiegħu.

»Il-qorti għaldaqstant tasal għall-fehma li l-attriċi ma ikkontribwietx għall-inċident u ma taħti xejn għal dak li ġralha u għalhekk it-tielet eċċezzjoni tal-imħarrek Tabib Ewlieni mhijiex tajba u mhix ser tintlaqa'.

»Fir-rigward tad-difiżi l-oħra mressqa mill-imħarrkin, mill-provi mressqa u mill-konsiderazzjonijiet fuq imsemmija, il-qorti tasal għall-fehma li l-argumenti mressqa mill-imħarrkin ma jistgħux jintlaqgħu. Fir-rigward ta' *SSL*, kienet hi li assenjat lill-attriċi biex taħdem fl-isptar, u għaldaqstant kellha l-obbligu li tagħmel is-sorveljanza meħtieġa biex tassigura li l-impjegati tagħha jkunu 'l bogħod u mħarsa minn kull periklu. Bl-istess mod, it-Tabib Ewlieni mħarrek huwa daqstant res-ponsabbli jekk biss minħabba li taħt ir-responsabbiltà tiegħu kien

hemm l-*unsafe practice* għaliex biss biss il-fatt li ppermetta li tagħmir bħalma huwa l-*boiler* li fih jinżamm ilma jagħli jitpoġġa fuq wiċċ tal-plastika minflok fuq wiċċ sod bħalma hu l-wiċċ ta' bank tal-kċina, jesponi lill-terzi għal periklu.

»F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-qorti tasal għall-fehma li dan l-inċident seta' faċilment ġie evitat kemm-il darba kull waħda mill-imħarrkin għamlet dak li kien minnha mistennija li tagħmel. Il-qorti għaldaqstant issib ħtija f'kull wieħed mill-imħarrkin b'mod indaqs għaliex nuqqasijiet kien hemm minn kull wieħed jew waħda minnhom, u kull parti trid terfa' r-responsabbilità tagħha. Bi tħaddim tar-regola msemmija fl-artikolu 1050(2) tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti qiegħda ssib li l-imħarrkin jaħtu solidalment lejn l-attriċi għall-inċident mertu tal-każ.

»Imiss li l-qorti tqis jekk il-ħtija li ġiet attribwita lil kull wieħed mill-imħarrkin ikkaġunatx id-dannu attwalment mġarrab mill-attriċi, għaliex, minbarra s-sejbien tal-ħtija, jeħtieġ li jkun stabilit ukoll li kienet dik il-ħtija li ġabet id-dannu attwalment imġarrab. F'dan ir-rigward, il-qorti għandha quddiemha opinjoni ta' espert mediku *ex parte* li jorbot il-ġrieħi f'diversi partijiet tal-ġisem tal-attriċi mal-inċident tat-22 ta' Diċembru 2012 li l-attriċi ġarrbet fuq il-post tax-xogħol. Bl-istess mod, wasal għall-istess fehma l-perit mediku maħtur mill-qorti fir-relazzjoni tiegħu, u fil-konklużjonijiet tiegħu ifisser id-diffikultajiet illi l-attriċi hija mistennija li tħabbat wiċċha magħhom fil-ġejjieni, u li ġġustifikaw il-perċentwali ta' diżabilità ta' sitta fil-mija (6%) li l-espert, fil-fehma tiegħu, kienet soġġetta għalih l-attriċi;

»Kemm mir-rapport imressaq mill-perit mediku u kemm minn dak tat-tabib *ex parte* mqabbad mill-attriċi, ħareġ ċar li l-ġrieħi li ġarrbet l-attriċi kienu l-effett dirett u immedjat tal-misħun jagħli li xtered fuqha mill-*boiler* u li hekk kif sar l-inċident iddewwiet mill-ewwel minn infirmiera li kien hemm fis-sala bil-għan li kemm jista' jkun ma ssirilhiex aktar ħsara.

»Il-qorti qieset bir-reqqa l-provi mressqin mill-attriċi dwar l-ilmenti tagħha, u jidhrilha li hemm nisġa bejn l-inċident u dak li ġarrbet b'riżultat ta' dak l-inċident. Mill-*current incident report* meħud flimkien mal-fehmiet tal-konsulenti mediċi mqabbdin kemm *ex parte* kif ukoll dak maħtur mill-qorti, il-qorti tasal għall-fehma li d-debilità fiżika seħħet fil-ħin tal-inċident u kienet effett dirett tagħha [*recte*, tiegħu, *i.e.* tal-inċident].

»Il-qorti tqis ukoll illi filwaqt li l-attriċi jidher li laqgħet mill-ewwel il-fehmiet tal-perit mediku maħtur mill-qorti, *SSL* jidher li wkoll aċċettat dan wara li, għall-ewwel, kienet talbet il-ħatra ta' periti mediċi addizzjonali, imma mbagħad ma baqgħetx tisħaq aktar dwar dan. Dan iwassal lill-qorti għall-fehma illi mhux qed jikkontestaw is-sejbiet tal-espert mediku.

»Għalkemm qorti mhix obbligata li taċċetta r-rapport ta' espert maħtur minnha bħala prova determinanti u għandha dritt li tiskartah kif setgħet tiskarta kull prova oħra, mill-banda l-oħra huwa ritenut minn dawn il-qrati li għandu jingħata piż debitu lill-fehma teknika tal-espert nominat mill-qorti billi l-qorti m'għandhiex leġġerment tinjora dik il-prova. Mill-

atti joħroġ ċar illi l-mertu ta' din il-kawża huwa wieħed ta' natura medika li ma setax jiġi deċiż mill-qorti mingħajr il-kostatazzjonijiet u l-fehmiet ta' espert in materja. B'danakollu, kif ġie ritenut minn dawn il-qrati, "dan ma jfissirx illi l-qorti ma kellhiex tħares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex teżita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx waħda sodisfaċentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konklużjoni ma kenitx sewwa tirriżolvi l-kweżit ta' natura teknika". B'mod partikolari, qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konklużjoni ta' tali relazzjoni ma kinetx ġusta u korretta. Din il-konvinzjoni però kellha tkun waħda motivata minn ġudizzju ben informat, anke fejn meħtieġ mil-lat tekniku. Fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, u wara li eżaminat b'reqqa l-provi fil-kumpless tagħhom, il-qorti hija tal-fehma illi r-rapport tal-perit mediku mhux ta' min jiskartah u sejra toqgħod fuqu.

»Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-qorti ssib li l-ġrieħi li ġarrbet l-attriċi huma effett dirett tan-nuqqasijiet li jridu jwieġbu għalihom l-imħarrkin, kif fuq ingħad, u għalhekk issib li l-ewwel talba attriċi hija tajba u sejra tilqagħha għaliex mistħoqqa.

»Dwar il-likwidazzjoni tad-danni, il-liġi trid li kull persuna twieġeb għall-ħsara li sseħħ bi ħtija tagħha, u jitqies hekk kull min f'għemilu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja. Għalhekk kull persuna li għaliex trid, jew għaliex naqset mill-prudenza jew diliġenza, tagħmel jew tonqos li tagħmel xi ħaġa li biha tikser dmir impost fuqha mil-liġi, hija obbligata tħallas għall-ħsara li sseħħ minħabba f'hekk, ukoll jekk dan ikun sar mingħajr il-ħsieb li tagħmel ħsara lill-ħaddieħor.

»Il-ħsara li persuna negliġenti trid twieġeb għaliha tikkonsisti (a) fit-telf effettiv li l-persuna mġarrba tbati direttament mill-għemil; (b) fl-ispejjeż minfuqin mill-persuna mġarrba biex tagħmel tajjeb għall-ħsara li saritilha; (ċ) fit-telf ta' paga, dħul jew qligħ ieħor attwali; u (d) fit-telf ta' qligħ li l-persuna mġarrba tbati 'l quddiem minħabba debilità dejjiema kawżata minn dak l-għemil.

»Fil-każ li l-qorti għandha quddiemha, l-attriċi qiegħda tippretendi kumpens kemm dwar l-ispejjeż minfuqa (*damnum emergens*), u kif ukoll dwar in-nuqqas jew telf li sejra ġġarrab minħabba li baqgħet ma fiqitx għal kollox mill-ġrieħi li ġarrbet fl-inċident (*lucrum cessans*).

»Biex il-qorti tasal għal kumpens xieraq li l-attriċi għandha tingħata, trid tasal għall-fehma illi dak li qed titlob l-attriċi bħala *damnum emergens* tkun ġabet prova xierqa tiegħu u li ntefaq b'riżultat tal-inċident mertu tal-każ, filwaqt illi biex tasal għall-kumpens ta' *lucrum cessans* il-qorti trid tqis it-telf ta' qligħ li l-attriċi setgħet batiet minn dakinhar tal-inċident sal-lum, u dak li se' jkollha tbati 'l quddiem minħabba l-inkapaċità għal dejjem li hija ġarrbet fl-inċident mertu tal-każ.

»Għal dak li jirrigwarda d-*damnum emergens*, il-qorti tilqa' l-prova mressqa mill-attriċi dwar infieq li daħlet għalih b'effett tal-inċident u li, fil-biċċa l-kbira minnhom, ħalfithom mal-*affidavit* tagħha. Ressqet pretensjonijiet oħrajn dwar nefqiet li kellha u li se jibqa' jkollha fil-

ġejjieni, imma dawn, fil-fehma tal-qorti, ma jistgħux ikunu kwantifikati jew aċċettati għaliex jew ma tressqux provi dokumentali dwarhom, jew għaliex id-dokumenti ma nħalfux jew tressqu wara li kien ingħalaq l-istadju tal-ġbir tal-provi, jew għaliex, saħansitra, nefqiet għall-ġejjieni jaqgħu taħt il-likwidazzjoni li trid issir taħt ir-ras ta' *lucrum cessans*. Għalhekk, mill-provi aċċettabbli li ressqet l-attriċi, il-qorti qiegħda tillikwida d-*damnum emergens* fis-somma ta' disa' mija u wieħed u ħamsin euro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€951.26) bħala nefqiet għax-xiri ta' mediċinali, konsulti mediċi u trattamenti għall-ġilda tagħha fuq medda ta' żmien;

»Għal dak li jirrigwarda l-*lucrum cessans*, l-attriċi tidher li torbot din il-pretensjoni mal-fatt li batiet u għadha qed tbati l-konsegwenzi tal-inċident u sejra tibqa' tbatihom tul għomorha.

»Il-kriterju tal-kumpens għal telf ta' qligħ fil-ġejjieni jintrabat sfiq mal-fatt li kull korriment iġib miegħu żvantaġġ li jissarraf f'telf ta' opportunità għall-vittma li, kieku ma kienx għall-inċident, kienet tkun eliġibbli għaliha, imqar jekk wara l-inċident baqgħet tingħata paga sħiħa jew saħansitra tjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħha.

»Kif ingħad mill-qrati Maltin, "mhux neċessarju li debilità permanenti tkun waħda fiżika li timmenoma l-persuna fil-possibilitajiet tiegħu ta' xogħol minħabba limitazzjoni fil-funzjoni ta' xi organu. Setgħet ukoll tkun debilità psikika li timmanifesta ruħha f'kondizzjoni li negattivament tinfluwenza l-kapaċità għax-xogħol tal-individwu. Li kien meħtieġ però hu li jiġi stabbilit lil hinn minn kull dubbju raġjonevoli li tali debilità kawżata minn debilità psikika tkun direttament kawżata mill-inċident li għalih kien responsabbli l-konvenut, u, *inoltre*, li d-diżabilità tkun waħda permanenti. Filwaqt li hemm diffikultà tal-prova f'dan il-kamp, ċertament ma jistax jiġi eskluż li jeżistu sitwazzjonijiet fejn il-ħsara provokata minn inċident, anke stradali, ma tkunx daqstant fiżika daqs kemm psikika. Filwaqt li jista' jkun li jkun hemm ħsara fiżika li ma tkunx ta' natura permanenti, mhux eskluż li tali ħsara setgħet tipprovoka debilità psikoloġika permanenti li tista' wkoll tkun kwantifikata f'telf ta' qliegħ futur".

»Fil-każ li l-qorti għandha quddiemha, it-telf ta' qligħ imġarrab u dak tal-ġejjieni jrid jiġi mistħarreġ fil-kuntest li, meta seħħ l-inċident, l-attriċi kien għad għandha għoxrin (20) sena.

»Tidħol hawnhekk konsiderazzjoni tal-kejl tal-*multiplier* li għandu jintuża biex jitqies l-ammont tal-kumpens mistħoqq. Huwa aċċettat li l-kriterju ta' kif wieħed iqis il-kejl tal-*multiplier* huwa wieħed li jagħti diskrezzjoni lill-ġudikant, li huwa mistenni li jqis u jiżen iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ fid-dawl ta' twettiq ta' eżerċizzju li jagħti kumpens b'ħaqq u mhux b'xi mantra matematika. Minbarra dan, illum il-ġurnata l-kejl ta' dan il-fattur ma għadux jintrabat tabilfors mat-tul tal-ħajja tax-xogħol tal-parti mġarrba, imma mal-istennija ta' kemm bniedem, minkejja li jkun waqaf mix-xogħol, jaf jagħmel attività li tirrendilu ekonomikament. Minħabba f'hekk li, f'każijiet ta' korriment ta' persuni li jkunu qabżu l-età tal-irtirar, jingħata wkoll kumpens għat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni. Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi, u wara li l-qorti qabblet il-qagħda tal-

attriċi ma' oħrajn bħalha f'kawżi ta' din ix-xorta, il-qorti sejra tadotta multiplier ta' sebgħa u tletin (37) sena.

»Għal dak li jirrigwarda t-tnaqqis li s-soltu jsir mis-somma likwidata għaliex ikun se' jsir f'daqqa (dak li jissejjaħ *lump sum payment*), iż-żmien jibda jitqies minn meta tinfetaħ il-kawża u mhux minn dak inhar tal-inċident. F'dan il-każ, l-attriċi fetħet il-kawża sentejn (2) wara l-inċident, u għalhekk il-qorti jidhrilha li għandu jsir tnaqqis proporzjonat skond ir-regoli mħaddna li mis-somma titnaqqas perċentwali ta' tnejn fil-mija (2%) għal kull sena li tgħaddi minn dakinhar li nfetħet il-kawża sa dakinhar li tingħata s-sentenza. Għalhekk, sejjer isir tnaqqis ta' sitta fil-mija (6%) mis-somma ta' danni likwidati.

»Għal dak li jirrigwarda l-kwestjoni tal-grad ta' debilità mġarrba mill-attriċi, ma jidhirx li hemm kontestazzjoni. Il-perit mediku wasal għall-fehma li l-attriċi għandha grad ta' debilità ta' sitta fil-mija (6%). Din il-qagħda hija waħda li ma tgħaddix u se tibqa' ġġorrha għal ħajjitha kollha. Il-qorti hija tal-fehma sħiħa li m'għandhiex raġuni tajba għalfejn m'għandhiex toqgħod fuq dik il-kostatazzjoni tal-perit mediku maħtur minnha u li saħansitra l-kontenut tiegħu ġie aċċettat mill-partijiet kollha, inkluż l-attriċi li kellha rapport *ex parte* li jindikalha perċentwali ogħla ta' debilità.

»Sena wara l-inċident l-attriċi kellha salarju gross bi dħul ta' mija tnejn u sittin euro u erbgħin ċenteżmu (€162.40) fil-ġimgħa jew tmint elef, erba' mija u erbgħin euro, u tmenin ċenteżmu (€8,444.80) fis-sena, liema somma taqbeż bi ftit il-paga minima preskritta mil-liġi għal dik is-sena. L-attriċi llum għandha impieg ieħor għal żmien indefinit u mal-gvern, għalkemm ma ssemmiex kemm huwa d-dħul tagħha minn tali impieg. Fin-nuqqas ta' xi tagħrif ieħor u minħabba l-medda ta' żmien li l-likwidazzjoni taħt dan il-kap ta' danni trid tqis, il-qorti sejra taġġusta l-molteplikand għal tmint elef u seba' mitt euro (€ 8,700) netti fis-sena biex tagħmel tajjeb għaż-żidiet li jistgħu jingħataw minn żmien għal żmien u wkoll għall-inflazzjoni.

»Għalhekk il-qorti qiegħda tillikwida lill-attriċi s-somma ta' tmintax-il elf mija u ħamsa u ħamsin euro u sittax-il ċenteżmu (€18,155.16) bħala danni *lucrum cessans* mġarrba fl-imsemmi inċident.

»Għalhekk id-danni kollha (*damnum emergens* u *lucrum cessans*) imġarrba mill-attriċi u hekk likwidati jitilgħu għal dsatax-il elf mija u sitt euro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€19,106.42).

»L-attriċi qiegħda titlob ukoll il-ħlas tal-imgħaxijiet fuq is-somma likwidata. L-attriċi tidher li interpellat lill-imħarrkin permezz ta' ittra uffiċjali tal-24 ta' Marzu 2014; għaldaqstant it-talba għal imgħax sejra tintlaqa', imma, minħabba li l-likwidazzjoni qiegħda ssir bis-saħħa tas-sentenza, l-imgħax jibda għaddej millum.«

8. Appellaw it-Tabib Ewlieni tal-Gvern b'rikors tal-25 ta' Mejju 2018 u s-soċjetà konvenuta b'rikors ukoll tal-25 ta' Mejju 2018. L-attriċi wieġbet għaż-żewġ appelli fid-19 ta' Ġunju 2018.

9. Nibdew bl-appell tat-Tabib Ewlieni tal-Gvern. L-ewwel aggravju jolqot iċ-ċaħda tal-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' leġittimazzjoni passiva, u ġie mfisser hekk:

> »L-ewwel aggravju … jikkonsisti fil-fatt li l-ewwel qorti kienet legalment inkorretta meta rrespinġiet l-eċċezzjoni mressqa mill-appellant li tikkonċerna l-leġittimu kontradittur *stante* li naqset milli tevalwa korrettament il-fatti tal-każ biex tasal għall-konklużjoni dwar ir-responsabbiltà tal-inċident mertu tal-kawża. L-ewwel qorti erronjament waslet għall-konklużjoni li l-akkadut seħħ taħt il-kontroll tal-appellant u s-soċjetà intimata minħabba n-nuqqasijiet tagħhom, u, in sostenn ta' dan, l-istess qorti sabet lill-esponenti appellant parzjalment responsabbli għall-akkadut in kwistjoni u għaddiet sabiex tillikwida d-danni sofferti mill-appellata.
>
> »Fil-konfront tar-responsabbilità da parti tat-Tabib Prinċipali tal-Gvern, irid jingħad li ġaladarba kien hemm eżistenti relazzjoni kontrattwali bejn l-appellata u s-soċjetà intimata, dina tal-aħħar baqgħet iżżomm id-dritt fuq l-impjegati tagħha fi kwalunkwe stadju tal-impjieg tagħhom, u għaldaqstant din ma tista' qatt tiġi eżonerata mir-responsabbilità, *stante* li dan innifsu jitfa' piż fuq minn iħaddem li jipprovdi kundizzjonijiet tax-xogħol għall-impjegati tiegħu 'l bogħod mill-perikli, u allura dan jfisser li l-appellant ma jistax ikun responsabbli tal-akkadut.
>
> »Meta jiġi kkunsidrat il-fatt li l-appellata fiż-żmien tal-inċident *de quo* kienet impjegata mal-kumpanija *Support Services Limited*, dan jimplika li kien hemm fis-seħħ relazzjoni kontrattwali bejniethom.
>
> »… … … ma hemm l-ebda rapport kontrattwali ta' impjieg bejn l-esponenti appellant u l-attriċi appellata u l-istess raġunar jiġġustifika l-fatt li l-appellant tassew ma huwiex il-leġittimu kontradittur fil-kawża odjerna.
>
> »Hu stat ta' fatt li t-Tabib Prinċipali tal-Gvern qatt ma impjega lill-appellata u għalhekk ir-relazzjoni ġuridika ta' impjieg baqgħet dejjem dik ta' bejn l-appellata u s-soċjetà intimata *Support Services Limited*, u li allura bħala prinċipali l-istess soċjetà intimata kellha d-dover li tassigura li l-post fejn tibgħat lill-impjegati tagħha ikun sigur u kopert u għalhekk ir-relazzjoni tal-appellata mal-esponenti appellant ma hix fuq l-istess materja bħal dik mibnija mal-kumpanija intimata.
>
> »Għalhekk huwa sottomess li d-deċiżjoni tal-ewwel qorti fil-konfront tal-appellant hija waħda żbaljata.
>
> »Fid-deċiżjoni tagħha tat-8 ta' Mejju tas-sena 2018 l-ewwel qorti waslet għall-konklużjonijiet tagħha, ossija l-ħtija tal-appellant, meta kkunsidrat li l-inċident seħħ fil-post minnu mmexxi u effettivament minħabba tagħmir li kien proprjetà tiegħu. L-appellant fl-ebda ħin ma kkontesta li l-akkadut seħħ waqt il-kors tat-twettiq ta' xogħol ordnat minnu. L-argumenti ssolevati minnu kienu fis-sens li huwa ma huwiex responsabbli għad-danni pretiżi mill-attriċi appellata, *stante* li l-appellant ma naqasx mill-obbligi tiegħu ta' ħarsien u sigurtà fuq il-lant tax-xogħol.

»Di fatti dak premess kien ikkonfermat mill-ewwel qorti stess meta kkwotat deċiżjonijiet li jsaħħu l-argument li minn iħaddem irid iwieġeb għall-aġir tal-ħaddiema tiegħu, u *se mai* r-responsabbilità tas-soċjetà intimata ma tispiċċax għaliex sempliċement l-impjegat tal-appellata ma kienx qiegħed jaħdem immedjatament taħt għajnejh.

»Jekk allura kienet l-istess soċjetà intimata li kellha t-tali deċiżjonijiet fuq l-impjegati tagħha, allura jsegwi li kienet l-istess soċjetà li kellha d-dritt li tara u tassigura li mhux qiegħda tibgħat lill-ħaddiema tagħha f'ambjent li mhux san u sigur u dan setgħet tagħmlu biss billi tieħu serje ta' miżuri a favur il-ħaddiema tagħha, liema proċedura ma saritx, u dan a skapitu tal-appellata.

»Mid-deposizzjoni tas-Sur Philip Bonnici, direttur tal-kumpanija *Support Services Limited* implika li ma kienx għamel valutazzjoni tar-riskji fuq il-post fejn kienet qiegħda tintbagħat taħdem l-attriċi appellata, *stante* li l-*boiler* imsemmi u l-mod kif dan kien impoġġi fuq kaxxa tal-*plastic* bl-ebda mod ma qatt ġie a konoxxenza tagħna, la permezz tal-ħaddiema stess u lanqas mill-maniġment tal-Isptar *Mater Dei*, u dana n-nuqqas jimmira nuqqas ta' ħarsien tal-obbligi tas-soċjetà intimata fil-kwalità tagħha bħala entità li tħaddem. Permezz ta' din ix-xhieda joħroġ ċar illi l-attitudni [*recte*, atteġġjament] tal-kumpannija kienet waħda passiva – tistenna lil impjegat jilmenta mentri id-dover huwa wieħed ta' proattività – irid jassigura hu illi il-post huwa wieħed san. Dan kollu qed jingħad mingħajr preġudizzju għal argument sollevat mill-esponent illi l-ambjent lavorattiv fejn kienet qed twettaq dmirijietha l-appellanta kien effettivament sikur u san.

»*Se mai* dak premess jimplika li s-soċjetà intimata lanqas biss kienet qiegħda twettaq superviżjoni bl-għan li tnaqqas jekk jkun hemm mir-riskji għall-istess impjegati tagħha.

»Għalhekk għandu jiġi sottomess li bħalma s-soċjetà intimata hi obbligata li tħares is-saħħa u s-sigurtà tal-impjegati tagħha, daqstant ieħor *se mai* hija obbligata li tiġbed l-attenzjoni tal-amministrazzjoni tal-Isptar *Mater Dei* b'kwalunkwe perikolu li jista' jkun sabiex jittieħdu l-passi kollha opportuni u neċessarji għall-minimazzjoni ta' inċidenti li jistgħu jiġu kkawżati, bħal kawża odjerna.

»*Se mai* dan l-istat ta' fatt jissuġġerixxi li l-appellata kienet qiegħda tippresta servizz lill-Isptar *Mater Dei*; dan jimplika li s-soċjetà intimata li kienet tħaddimha kellha l-obbligu kruċjali li tipproteġiha, u kellha kull dover li tara li l-istess impjegata tagħha ma tkunx f'perikolu li jista' jiġi evitat, u tara li l-istess impjegata tagħha taħdem f'post san u sigur fejn ikun hemm superviżjoni adegwata.

»*Di più*, dan ifisser li l-kumpannija intimata ma tistax tistrieħ fuq il-fatt li hija ma kellhiex kontroll fuq il-miżuri ta' sigurtà li jingħataw lill-impjegati fl-Isptar, u kif kienet hi li assenjat lill-appellata sabiex taħdem ġewwa l-isptar, kellha l-obbligu li tagħmel is-sorveljanza meħtieġa u tip-promwovi miżuri siguri sabiex b'hekk tassigura li l-impjegati tagħha jkunu 'l bogħod u mħarsa minn kwalunkwe periklu li jista' jinqala, u għaldaqstant ma tistax toqgħod tinħeba wara l-fatt li l-esponenti appellant kien qiegħed jissupplixxi s-servizz.

»Għalhekk *in vista* tal-punti premessi, tqum il-mistoqsija jekk mill-fatti kif edotti tfissirx tabilħaq jekk l-appellant għandhux iwieġeb għan-nuqqasijiet tas-soċjetà intimata.«

10. L-aggravju tat-Tabib Ewlieni tal-Gvern aktar iservi biex juri illi l-konvenuta l-oħra għandha wkoll leġittimazzjoni passiva biex twieġeb għat-talbet tal-attriċi milli biex juri illi hu ma huwiex bħalha kontradittur leġittimu.

11. Fil-fatt igħid sew it-Tabib Ewlieni tal-Gvern illi s-soċjetà konvenuta "baqgħet iżżomm id-dritt fuq l-impjegati tagħha fi kwalunkwe stadju tal-impjieg tagħhom, u għaldaqstant din ma tista' qatt tiġi eżonerata mir-responsabbilità"; dan ma jfissirx iżda illi min, bħalu, kellu kontroll effettiv fuq il-post tax-xogħol u fuq l-attrezzi li hemm fih – fil-każ tallum il-*boiler* – ma jweġibx ukoll jekk dawk l-attrezzi jkunu fi stat li joħolqu perikolu għal min, bħall-attriċi, ikollu jinqeda bihom fil-qadi ta' dmirijietu.

12. U għalkemm igħid sew ukoll illi "ma hemm l-ebda rapport kontrattwali ta' impjieg" bejnu u l-attriċi, dan ma jfissirx li ma hemm ebda rabta kuntrattwali bejniethom, għalkemm mhux ta' impjieg, għax l-attriċi kienet tidħol fl-ambjent tal-isptar biex tagħti servizz fl-interess tal-appellant u għalhekk bil-kunsens tiegħu. Din ukoll hija rabta kuntrattwali illi titfa' fuq l-appellant l-obbligazzjoni li ma jħallix li jkun hemm perikolu għal min jaħdem mhux biss fl-interess tiegħu iżda wkoll f'ambjent kontrollat minnu.

13. Barra minn hekk, l-art. 6(1) tal-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol ["Kap. 424"] igħid espressament illi:

> »6. (1) Min iħaddem għandu dejjem jiżgura is-saħħa u ssigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal dik il-persuna li tħaddem:
>
> »Iżda meta fit-twettiq ta' dak hawn aktar qabel imsemmi, min iħaddem jagħmel użu minn servizzi jew persuni kompetenti minn barra, min iħaddem ma jkunx meħlus mid-dmirijiet applikabbli li joħorġu minn dan l-Att u mir-Regolamenti magħmulin taħt dan l-Att:«

14. Dan ifisser illi, għalkemm l-attriċi kienet persuna "minn barra", it-Tabib Ewlieni tal-Gvern xorta baqa' marbut lejha bid-dmirijiet ta' min iħaddem ladarba kien qiegħed jinqeda bis-servizzi tagħha.

15. Ma hemmx għalfejn ngħidu wkoll illi, wara kollox, l-obbligazzjonijiet mhux mir-rapporti kuntrattwali biss jitnisslu.

16. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet l-aggravju ma jistax ma jitqiesx fieragħ, u huwa għalhekk miċħud.

17. Ngħaddu mela għat-tieni aggravju tat-Tabib Ewlieni tal-Gvern li jolqot is-sejbien ta' ħtija u ġie mfisser hekk:

> »Fir-rigward tat-tieni aggravju, hi regola stipulattiva li jridu jinġiebu provi sodisfaċjenti u konkreti li jiġġustifikaw ir-responsabbiltà tal-konvenut.
>
> »Qiegħed jiġi sottomess li huwa żbaljat l-apprezzament kif dedott mill-ewwel qorti illi t-Tabib Prinċipali tal-Gvern irid jirrispondi għad-danni sofferti mill-appellata. Kien ikun iktar għaqli li kieku nġabu provi suffiċjenti mill-appellata li jikkorroboraw l-allegati nuqqasijiet li jolqtu d-diskrezzjoni tal-esponenti appellant, u f'dana is-sens ma nġabux provi sodisfaċjenti u għaldaqstant ma hemmx lok għar-responsabbilità nflitta da parti tal-appellant.
>
> »F'dan l-istadju jrid jerġa jiġi mfakkar li l-appellata sempliċiment fid-dikjarazzjoni tagħha allegat li l-appellant hu responsabbli għall-akkadut odjern għax naqas milli jippromwovi s-sigurtà meta forna lill-impjegati bil-*boiler* li kien difettuż, kien mimli sal-livell rikjest u kien qiegħed iserraħ fuq kaxxa tal-*yoghurt* li fil-fehma tal-appellata kienet inferjuri u li għar-raġunijiet kollha ddikjarati tefgħet il-ħtija fuq l-appellant.
>
> »Jiġi sottomess li l-ebda prova ma nġabet mill-appellata li turi li l-appellant naqas milli jimxi ma' xi regola stabbilita li jippromovi s-saħħa u sigurtà tal-impjegati, *stante* li f'kull stadju tal-kawża hu ċaħad kategorikament li l-*boiler* bl-ebda mod ma kien difettuż [*sic*!] u li kien imrikkeb fuq kaxxa tal-*yoghurt a contrario* tat-teżi appellata. *Non-ostante* l-ewwel qorti waslet għall-konklużjonijiet tagħha erronjament mingħajr ebda bażi ta' provi konkreta li fil-fatt l-appellant issuplixxa l-*boiler* fi stat ħażin u mhux sigur. L-ewwel qorti straħet unikament fuq ix-xhieda tal-appellata li ma kienet korroborata minn ebda rapport tekniku. Din ix-xhieda żgur ma tistax tittieħed bħala stat ta' fatt għax fl-ewwel lok żgur illi ma hix oġġettiva u fit-tieni lok ġiet kontradetta mix-xhieda prodotti mill-appellant.

»*Se mai* billi sempliċiment ġie ddikjarat mill-appellata fl-*affidavit* tagħha li l-*boiler* "kien jinstab fuq il-bank li kien hemm ġewwa din il-*pantry …* imrikkeb fuq kaxxa tal-*yoghurt* tal-*Benna*" ma nistgħux naslu verament għall-konklużjoni illi l-kaxxa imsemmija ma kinitx soda u minħabba dan l-fatt ġara l-inċident *stante* li din id-dikjarazzjoni ma ġietx ikkorobborata u wisq anqas il-qorti tal-prim'istanza setgħet titfa' r-responsabbiltà fuq l-appellant.

»Subordinatament, l-appellata naqset ukoll li tippreżenta xi ritratti ta' din il-kaxxa sabiex l-ewwel qorti setgħet tara jew għallinqas setgħet tipprova tikkonkludi jew tiddeċiedi kif il-*boiler* waqa'. Għalhekk l-appellata naqset milli tipprova n-ness ta' bejn incident u l-ħaġa li allegat li samtita u *di più* ma hemmx provi konkreti li jitfgħu l-ħtija inġenti fuq l-appellant.

»Effettivament mit-testimonjanza tal-istess Charles Micallef, rap-preżentant tal-Awtorità dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, datata nhar l-20 ta' Jannar tas-sena 2015 ġie kkonfermat il-fatt illi:

> »"It is *a normal practice* hemmhekk, huma biex, dawn il-kaxxi tal-yoghurt biex iġibu l-*height* ta' dan il-*boiler* bejn il-bank sabiex inti meta ddaħħal il-*mug* jew it-tazza *just* bil-*leaver* biex iġġib dak l-għoli."

»Rigward il-livell tal-ilma li kellu jkun mimli il-*boiler*, is-Sur Charles Micallef iddikjara u kkonferma li "Ms. Fenech jiġifieri qaltilna li dan aktarx kien mimli iktar milli suppost il-*boiler* mhux bħala difett jew għax imlewh iktar".

»Anke hawnhekk lanqas hemm prova sodisfaċenti dwar il-livell ta' l-ilma fil-*boiler* għax kollox il-verżjoni tal-appellata. *Di più* lanqas hija ma kienet ċerta tant illi mas-Sur Fenech użat il-kliem "x'aktarx". Għaldaqstant, jekk *se mai* kien hemm xi negliġenza da parti tal-appellant, l-appellanta riedet tippreżenta kull prova konkreta sabiex tiskatta r-responsabbilità tal-appellant, liema prova hija mankanti u l-appellata ma rnexxilhiex tipprova n-nuqqasijiet da parti tal-appellant.

»Għalhekk, il-konklużjoni tal-ewwel qorti, li ikkonkludiet li dan l-appellant ma kienx għaqli in kwantu tar-responsabbiltajiet tiegħu, kienet waħda totalment żbaljata billi l-istess qorti ma kellha ebda prova quddiemha.«

18. Ma tressqet ebda raġuni għala l-qorti għandha tiddubita l-kelma tal-attriċi dwar il-fatt li l-*boiler* kien iserraħ fuq kaxxa li qatt ma kienet maħsuba għalhekk, u illi kellu għatu li ma kienx tiegħu u li wkoll għalhekk ma kienx maħsub għal miegħu. Anzi, l-appellant jikkontradiċi lilu nnifsu meta l-ewwel igħid li ma hemmx prova "oġġettiva" ta' dan l-istat ta' fatt u mbagħad jiċċita dak li qal ir-rappreżentant tal-Awtorità dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol meta dan igħid illi kienet "*a normal practice*"

illi l-*boiler* jitqiegħed fuq kaxxa tal-*yoghurt*, li juri mhux biss illi fil-fatt hekk kien jiġri iżda wkoll illi, billi kienet *normal practice*, l-appellant kellu jkun jaf biha jekk tassew iżomm sorveljanza kif imiss fuq l-ambjenti taħt il-kontroll tiegħu.

19. Jista' jkun illi jgħid sew l-appellant illi ma hemmx prova konklużiva illi l-*boiler* kien mimli aktar milli suppost, iżda dan ma jnaqqas xejn mill-fatt illi l-appellant ma messux ippermetta l-użu ta' kontenitur mimli b'misħun jagħli mqiegħed fuq bażi instabbli u mgħotti b'għatu li ma jgħattix. Huwa għax min hu responsabbli jippermetti illi *normal practice* tegħleb l-għaqal, u hekk ma jipprevedix dak li hu prevedibbli, illi jinħolqu inċidenti bħal dawn.

20. Dan l-aggravju wkoll huwa fjakk u huwa għalhekk miċħud.

21. It-tielet aggravju tat-Tabib Ewlieni tal-Gvern ġie mfisser hekk:

> »It-tielet aggravju jikkonsisti fil-fatt illi r-responsabbiltà taqa' fuq kull minn iħaddem, fejn hu jrid iwieġeb għall-aġir tiegħu mill-ħaddiem tiegħu u dan a bażi tal-artikolu 1037 tal-Kodiċi Ċivili.
>
> »Kif ġie ampjament trattat fil-qorti tal-prim'istanza a bażi ta' serje ta' deċiżjonijiet kwotati, dan isegwi li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-impjegati tiegħu ambjent sigur u jiżgura li titħaddem sistema xierqa ta' ħarsien minn kull perikolu. Huwa l-obbligu wkoll li kull minn iħaddem għandu l-piż li jieħu dawk il-miżuri xierqa u opportuni u jġib miegħu wkoll id-dmir tal-għoti tat-tagħrif meħtieġ, l-għoti ta' tagħlim u taħriġ u kif ukoll superviżjoni biex titħares is-saħħa u s-sigurtà tal-impjegat.
>
> »Fil-kwistjoni ta' dan l-inċident, is-soċjetà intimata kienet obbligata li tipprovdi s-sigurtà kollha kemm waqt lant tax-xogħol tal-ħaddiema u anke waqt il-qadi ta' dmirijiethom, u ma nġabet ebda prova sodisfaċenti li titfa' dell negattiv fuq ir-responsabbiltà tal-appellant fir-rigward tan-nuqqas ta' sigurtà da parti tiegħu.
>
> »Ir-responsabbilità ta' minn iħaddem tibqa' teżisti (kuntrarjament għal dak li donnu qiegħed tgħid l-ewwel qorti) għaliex hekk kif ġie deċiż fil-kawża fl-ismijiet <u>Joseph Cini *v.* George Wells *et noe*</u>, deċiża nhar id-29 ta' Mejju tas-sena 2001 il-Qorti Prim'Awla addotat il-prinċipju stabbilit li "min iħaddem għandu l-obbligu u d-dmir li jipprovdi sorveljanza adegwata sabiex l-ambjent tax-xogħol ma jkunx konduċenti għal kwalunkwe forma ta' inċident li jippreġudika lill-impjegati tiegħu".
>
> »… … …

»Dan neċessarjament ifisser li, kuntrarjament għal dak li ssostni l-ewwel qorti fil-kawża odjerna, jibqa' dejjem l-obbligu tal-prinċipal li jivverifika li l-ħaddiema impjegati minnu ma jkunux fil-periklu, u fil-każ odjern dan l-obbligu ma kienx affettwat [*sic*] mis-soċjetà intimata.

»… … … fil-konklużjoni li waslet għaliha l-ewwel qorti hija ferm żbaljata meta kkonkludiet fis-sentenza tagħha li "l-qorti ssib li l-ġrieħi li ġarrbet l-attriċi huma effett dirett tan-nuqqasijiet li jridu jwieġbu għalihom l-imħarrkin".

»Ġaladarba ġie muri biċ-ċar mill-provi li nġabu fir-rigward tan-nuqqasijiet da parti tas-soċjetà intimata waslu għall-akkadut sfortunat, l-esponenti appellant jistaqsi għar-rigward tal-korretezza tas-sentenza li minnha qiegħda tiġi appellata.

»Għalhekk, l-esponenti appellant jissottometti li l-ewwel qorti kienet legalment żbaljata meta kkonkludiet li l-appellant għandu jitqies konġuntivament responsabbli, għaliex fil-verità kienet l-istess soċjetà intimata li kellha l-obbligu li tassigura li l-appellata kienet ser tintbagħat *se mai* taħdem f'post sikur u li kellha l-obbligu li tevalwa jekk kienx hemm riskji fuq dan il-post tax-xogħol u l-ebda prova raġjonevoli ma nġabet li tiġġustifika li kienu saru xi n-nuqqasijiet da parti tal-appellant u għaldaqstant ma għandhux jinstab responsabbli.

»*Di più*, is-soċjetà intimata ma tista' qatt tfarfar mir-responsabbilità tagħha u tistax toqgħod tinħeba wara l-fatt li kien l-istess appellant kien qiegħed igawdi mis-servizzi provduti mill-appellata għaliex, iddur fejn iddur, dejjem jibqa' l-obbligu kruċjali tal-prinċipal li jiżgura s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema tiegħu fuq il-post tax-xogħol.

»Minkejja d-deċiżjonijiet ikkwotati, l-ewwel qorti warrbet it-tali ġurisprudenza u kkonkludiet li t-tali responsabbiltà taqa' wkoll fuq l-appellant minkejja li ma nġabet l-ebda prova ċara da parti tal-appellata li titfa' l-ħtija fuq l-appellant.

»Kif ikkonkludiet l-ewwel qorti, allura dan ifisser li wieħed jista' faċilment jaħrab minn kull responsabbilità billi l-ewwel jimpjega n-nies miegħu u mbgħad jassenjahom ma' terzi u konsegwentament ifarfar mir-responsabbiltà tiegħu li toħroġ mir-relazzjoni ta' bejn impjegat u ħaddiem [*recte*, min iħaddem].

»Din l-interpretazzjoni ċertament li ma hiex ekwa u ġusta *nonostante* l-fatt li l-qrati nostrani dejjem insistew li l-obbligi naxxenti bejn l-impjegat u l-prinċipal tiegħu jibqgħu hemm u jibqgħu viġenti sakemm it-tali relazzjoni tispiċċa.

»Għalhekk huwa sottomess li d-deċiżjoni tal-ewwel qorti fil-konfront tal-appellant hija żbaljata, u għalhekk għandha tkun l-istess soċjetà li tirrispondi għad-danni sofferiti mill-appellata kaġun tal-inċident *de quo*.«

22. Bħall-ewwel aggravju, dan l-aggravju aktar jiswa biex juri illi l-konvenuta l-oħra wkoll hija responsabbli – ħaġa li narawha meta nqisu l-aggravji tas-soċjetà – milli biex juri li l-appellant ma jaħtix. Iżda l-fatt li jista' jkun illi s-soċjetà li magħha hija impjegata l-attriċi wkoll ikollha twieġeb għall-ħsara,

dan ma jfissirx illi l-appellant, li, kif rajna fil-konsiderazzjonijiet dwar it-tieni aggravju, jaħti jew jaħti wkoll għall-inċident, ma jweġibx hu wkoll għall-ħsara.

23. Dan l-aggravju, li bħall-ewwel wieħed hu fieragħ, huwa għall-istess raġunijiet miċħud.

24. Fir-raba' aggravju t-Tabib Ewlieni jgħid illi kien hemm ħtija kontributorja tal-attriċi, u jfisser dan l-aggravju hekk:

> »Ir-raba' aggravju jikkonsisti fl-obbligu tal-appellata li ġġib provi tajba biżżejjed biex issostni l-każ tagħha li l-korriment waħdu marbut max-xogħol li l-appellata kienet qiegħda tagħmel fil-ħin tal-akkadut ma jissarrafx, fih innifsu, fis-sejbien tal-ħtija ta' min kien qiegħed jinqeda bis-servizzi provduti minnu, liema punt ġie trattat fid-dettall mill-ewwel qorti fis-sentenza tagħha.
>
> »Kif ġie ssolevat mill-qorti tal-prim'istanza, minkejja r-responsabbilità ta' minn iħaddem, min jaħdem għandu obbligu li jħares is-saħħa u sigurtà tiegħu nnifsu u ta' madwaru (artikolu 7(1) tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta) u jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għal riskju bla bżonn u li jeżerċita kwalunkwe ħaġa relatata mal-professjoni tiegħu b'kawtela kbira (artikolu 7(2) tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta).
>
> »Sussegwentament, skont ir-Regolamenti dwar Disposizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, Leġislazzjoni Sussidjarja 424.18, l-artikolu 15 (1) ta' din l-istess liġi jgħid is-segwenti:
>
> > »"Għandu jkun id-dmir ta' kull ħaddiem li jieħu ħsieb kemm jista' jkun is-saħħa u s-sigurtà tiegħu stess kif ukoll dawk ta' persuni oħrajn li jistgħu jkunu affettwati bl-atti jew nuqqasijiet tiegħu …"
>
> »Huwa ben magħruf li persuna, minkejja li ma tkunx għal kollox ikkawżat il-periklu, tista' madankollu tkun tat sehem biex dan iseħħ. F'każ ta' din ix-xorta, dak is-sehem jew kontributorjetà jnaqqas, xi ftit jew għal kollox, mill-ħtija tal-persuna li tkun tat lok għall-ġrajja li ġabet il-ħsara (*inter alia* app. ċiv. 3.2.2012 fil-kawża fl-ismijiet Josef Farrugia *v.* Christopher Carabott *et*; u app. ċiv. 28.2.2024 fil-kawża fl-ismijiet Mario Azzopardi *v.* Andrew Bird).
>
> »Mill-lenti ta' inċidenti kontributorji ssir riferenza għal dak li kkumenta Lord Denning fil-kawża Froom *v.* Butcher, deċiża fis-sena 1976 fejn intqal:-
>
> > »"Negligence depends on a breach of a duty, whereas contributory negligence does not. Negligence is a man's carelessness in breach

> of duty to others. Contributory negligence is a man's carelessness in looking after his own safety. He is guilty of contributory negligence if he ought reasonably to have foreseen that, if he did not act as a reasonable prudent man, he might hurt himself."

»Ddan il-prinċipju ġie wkoll addottat mill- Qorti Kummerċjali fil-kawża ta' Sciriha *v.* O'Flaherty *noe*, deċiża nhar il-5 ta' Mejju tas-sena 1994 fejn ġie ssottolineat illi "però huwa dejjem l-obbligu tal-ħaddiem li joqgħod attent waqt l-eżekuzzjoni ta' xogħlu … Il-ħaddiem għandu jkun konxju tar-riskji u tal-perikoli tax-xogħol tiegħu, ma jistax jagħlaq għajnejh għall-ovvju, u m'għandux jagħmel manuvri azzardati li jżidu r-riskju tal-ħsara*"*.

»… … …

»Biex isir stħarriġ xieraq tad-dinamika dwar kif ikun seħħ l-inċident odjern, jeħtieġ li jiġi muri li l-appellata fil-kwalità tagħha bħala impjegata kienet konxja tal-perikoli fuq il-lant tax-xogħol tagħha u jekk għamlitx manuvri azzardati li jgħollu r-riskju ta' ħsara jew *inoltre* li jissoġġettawha għall-korriment tagħha nnifisha jew għal ta' madwarha.

»In segwitu għal dak li l-appellata stqarret mas-Sur Charles Micallef, kienet l-appellata stess "li ċaqalqet il-*boiler*, splexxja 'l barra minnu bil-konsegwenza li laqat lilha; dan il-misħun ġie fuqha". Huwa għaldaqstant irrelevanti li l-*boiler* kienx elevat jew impoġġi fuq liema materja tkun, billi ma kinitx ser tagħmel differenza u anqas kienet ser tipproteġiha fuq il-lant tax-xogħol. Il-*boiler* kif l-isem stess jimplika jkun fih misħun u għalhekk huwa ovvju li meta jkun fih l-ilma ma għandekx iċċaqalqu. Hawnhekk ma kienx hawn xi sistema kumplessa u teknikament diffiċli li wieħed kien jenħtieġ xi struzzjonijiet speċjali. Bid-dovut rispett minn mindu nkunu tfal niġu mgħallma illi il-kitla ma għandkex iċċaqlaqa, li borma fuq in-nar ma tmisshiex. L-appellata ma hix tifla żgħira u verament inkunu qed ninsulentaw l-intelliġenza tagħha jekk jiġi implikat illi dina kellha bżonn struzzjonijiet ċari u speċifiċi sabiex *boiler* mimli ilma ma ċċaqalqux. Anke l-fatt illi kien mimli kien ovvju għaliha għax biex tnaddaf taħtu riedet bil-fors tgħollieh. U jekk kien verament kif allegat hi, *cioè* mimli, suppost illi ħassitu tali. Dan il-*boiler* ma setax inqaleb waħdu! Jekk iċċaqlaq għax ċaqalqitu hi minkejja li kienet taf illi kien fih il-misħun.

»*Inoltre*, minkejja li l-appellata qiegħda ssostni li l-inċident *de quo* seħħ effettivament għaliex il-*boiler* kien qiegħed iserraħ fuq materjal inferjuri, hija fl-ebda ħin ma ssostanzjat l-argument pretiż minnha bi spjegazzjoni plawsibbli ta' kif dana l-misħun ħareġ u effettivament spiċċa fuq l-persuna tagħha. Barra minn hekk il-materja tal-*platform* li fuqha kien il-*boiler* hija immaterjali wkoll *stante* li kif ġie ingħad qabel dan il-*boiler* ma ċċaqlaqx waħdu. Meta l-appellata iddeċidiet illi iċċaqalqu kienet effettivament qed taċċetta illi hemm riskju u aċċettat tali riskju.

»Mingħajr preġudizzju għall-argument preċedent l-appellata wkoll naqset illi turi li l-kaxxa tal-*yoghurt* li fuqha kien qiegħed iserraħ il-*boiler* kienet il-kawża prossima li biha seħħ l-inċident u għaldaqstant

wieħed jista' faċilment jasal għall-konklużjoni illi kienet l-azzjoni tal-appellata, meta hija ċaqalqet il-*boiler*, illi ippreċipitat l-inċident.

»Għal dawn ir-raġunijiet, it-Tabib Prinċipali tal-Gvern jissottometti illi l-*boiler* bl-ebda mod ma kien difettuż, kien impoġġi fuq wiċċ sod u li l-appellata qatt ma messha ċaqalqitu meta kienet taf li kien jikkontjeni ilma jagħli. Għaldaqstant, dan jimplika negliġenza kontributorja da parti tal-appellanta meta hi kienet fid-dmir li tieħu ħsieb is-sigurtà tagħha nnifisha, mentri hi naqset li tagħmel dan u volontarjament esponiet lilha nnifisha għall-riskju;

»Meta nieħdu dawn iċ-ċirkostanzi in kunsiderazzjoni naslu għall-konklużjoni illi abbażi tal-fatturi kollha li jiċċirkondaw id-dinamika tal-inċident, hu ovvju li jeżistu nuqqasijiet da parti tal-appellata li biha jista' jitqies li wassal jew ikkontribwixxa għall-inċident li fih ġarrbet danni emerġenti frott ta' imprudenza, negliġenza u nuqqas ta' attenzjoni u kawtela.«

25. Fit-tweġiba tagħha l-attriċi tenniet dak li qalet l-ewwel qorti dwar il-x'għandu jirriżulta biex jinstab li kien hemm ħtija kontributorja min-naħa tagħha.

26. Igħid ħażin it-Tabib Ewlieni illi huwa "obbligu tal-appellata li ġġib provi tajba biżżejjed biex issostni l-każ tagħha li l-korriment waħdu marbut max-xogħol li l-appellata kienet qiegħda tagħmel fil-ħin tal-akkadut ma jissarrafx, fih innifsu, fis-sejbien tal-ħtija ta' min kien qiegħed jinqeda bis-servizzi provduti minnu". Ladarba l-appellant qiegħed jallega li kien hemm ħtija wkoll fuq l-attriċi, huwa fuqu l-oneru li juri li tassew kien hemm dik il-ħtija.

27. Huwa minnu illi min iħaddem għandu dmir li joħloq ambjent li jħares is-saħħa tal-ħaddiem u safejn possibbli jbiegħed kull perikolu. Iżda huwa wkoll dmir tal-ħaddiem li ma jkunx hu li joħloq il-perikolu. L-art. 7(2) tal-Kap. 424 li kien fis-seħħ fiż-żmien relevanti, irid illi:

»**7.** (1) Huwa d-dmir ta' kull ħaddiem li jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu … … …«

28. L-istess igħid ir-reg. 15(1) tar-Regolamenti dwar Disposizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol [“L.S. 424.18, illum L.S. 646.11”]:

> »**15.** (1) Għandu jkun id-dmir ta’ kull ħaddiem li jieħu ħsieb kemm jista’ jkun is-saħħa u s-sigurtà tiegħu stess … skond it-taħriġ u l-istruzzjonijiet mogħtija minn min iħaddem:
>
> »(2) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta’ dan kollu, għandu jkun id-dmir tal-ħaddiem li:
>
> »(*a*) jagħmel użu korrett tal-makkinarju, apparat, għodda, … … …«

29. Dan id-dmir tal-ħaddiem fissritu din il-qorti fis-sentenza tal-25 ta’ Ottubru 2023 fl-ismijiet <u>Victoria Vella *noe v.* Tabib Ewlieni tal-Gvern *et*</u> fejn jingħad hekk:

> »… … … Huwa dejjem l-obbligu tal-ħaddiem li joqgħod attent fuq il-post tax-xogħol. Għalhekk min iħaddem m’għandux ikun tenut li jipprovdi kontra kwalunkwe negliġenza tal-ħaddiem, għaliex il-ħaddiem ukoll hu mistenni li joqgħod attent u juża d-diliġenza fuq il-post tax-xogħol. Il-ħaddiem għandu jkun konxju tal-perikli fuq ix-xogħol, u m’għandux jagħmel manuvri azzardati li jżidu r-riskju tal-ħsara.«[2]

30. Fix-xiehda tagħha b’*affidavit* l-attriċi fissret hekk iċ-ċirkostanzi li wasslu għall-inċident:

> »Jiena bħas-soltu kont qiegħda naħdem, dħalt fil-*ward*, mort biex nipprepara l-kollazzjon. Kif lestejt mill-preparazzjoni tal-kolazzjon mort inqassmu.
>
> »Wara ġbart il-kikkri u l-plattini, ħsilthom u għamilthom fuq id-*dish tray*. Mid-*dish tray* beda joħroġ l-ilma. Bdejd nimsaħ l-ilma bil-biċċa bilmod, bħalma kont nagħmel dejjem. L-ilma dar ukoll għal wara l-kaxxa tal-*yoghurt*. Jiena mort biex nimsaħ l-ilma bħalma kont nagħmel dejjem u minn dak il-ħin kull ma niftakar kien li ħassejt il-misħun fuqi.«

31. Aktar qrib tal-ħin tal-inċident, kienet fissret lir-rappreżentant tal-Awtorità dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol illi:

---

2 Ara wkoll <u>Peter Ronald *v. Polibon Construction Limited*</u>, App. 9 ta’ Jannar 2009; <u>George Baldacchino *et v. Malta Freeport Terminals Limited*</u>, App. 17 ta’ Marzu 2021; <u>Crocifissa Abela *et v. Valletta Gateway Terminals Limited et*</u>, App. 30 ta’ Novembru 2022.

> »… … … dakinhar hija kienet qed taħsel xi platti u spexxja l-ilma fuq il-bank tal-kċina fejn hemmhekk kien hemm *water boiler* sabiex isir il-misħun fih. Hi sabiex timsaħ dak l-ilma riedet iċċaqlaq dan il-*boiler* sabiex tkun tista' timsaħ dan l-ilma sew li bil-konsegwenza kif hija appena ċaqalqet dan il-*boiler* splexxja 'l barra minnu bil-konsegwenza li laqat lilha dan il-misħun ġie fuqha … … …«

32. Għalkemm l-inċident x'aktarx li ma kienx iseħħ likieku l-*boiler* kien imqiegħed fuq wiċċ sod, u għalhekk il-ħtija ewlenija tibqa' fuq min ippermetta li jinżamm f'qagħda li minnha nfisha toħloq perikolu, ma jistax jingħad, kif qalet l-ewwel qorti, illi l-attriċi "ma kkontribwietx għall-inċident" u li din "ma taħti xejn għal dak li ġralha".

33. Ma tridx wisq biex tifhem illi tkun qiegħed toħloq perikolu bla bżonn meta ċċaqlaq *boiler* imserraħ fuq bażi instabbli u mimli b'ilma jagħli. L-għaqal kien jitlob illi qabel tagħmel hekk taċċerta ruħek illi l-*boiler* kien vojt u mhux komunikat mal-kurrent elettriku.

34. Meta għamlet dak li għamlet, l-attriċi ħolqot perikolu żejjed u faċilment prevedibbli. Kif wara kollox qalet l-ewwel qorti stess, "ma kienx għaqli li tipprova ċċaqlaq *boiler* mimli b'ilma jagħli"; anzi, kien nuqqas kbir ta' għaqal.

35. Għalhekk, għalkemm jibqa' l-fatt illi l-biċċa l-kbira tal-ħtija tibqa' fuq min ħoloq jew ippermetta sitwazzjoni fejn *boiler* jisserraħ fuq bażi instabbli, l-attriċi wkoll imxiet b'nuqqas ta' għaqal u għandha ġġor parti mill-ħtija.

36. Il-qorti għalhekk tilqa' l-aggravju fis-sens illi l-attriċi għandha ġġorr ħmistax fil-mija (15%) tal-ħtija.

37. Il-*quantum* tad-danni likwidati mill-ewwel qorti – dsatax-il elf mija u sitt euro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€19,106.42) – ma ġiex kontestat. Dan għandu jonqos bi ħmistax fil-mija (15%), sehem l-attriċi fil-ħtija, u jiġi sittax-il elf, mitejn u erbgħin euro (€16,240).

38. Ngħaddu għall-ħames aggravju tat-Tabib Ewlieni tal-Gvern illi ġie mfisser hekk:

> »Il-ħames aggravju jikkonsisti fil-fatt li l-appellant iħoss ruħhu aggravat wkoll mill-fatt li l-ewwel qorti ma setgħetx tqiegħed il-fattispeċie ta' dan il-każ u tittrattahom mill-istess ottika ta' kawżi fejn persuna soffriet danni.
>
> »L-appellant jenfasizza li … anke jekk *se mai* kien hemm xi negliġenza min-naħa tiegħu, din il-prova kienet tispetta lill-attriċi appellata, liema prova ma nġabitx u għaldaqstant huwa ma jirrispondix għad-danni reklamati.
>
> »Hu ovvju li biex individwu jinstab responsabbli għal xi danni, irid jintwera li hemm ness bejn l-aġir ta' dak l-individwu u l-ħsara, u, jekk dan in-ness ma jiġix ippruvat, il-vittma tal-ħsara ma jkunx intitolat għall-kumpens mingħand l-individwu mħarrek.
>
> »L-appellant isostni li, fid-dawl ta' kif ġraw l-avvenimenti tal-każ, jirriżulta kjarament li l-prassi li addotta l-appellant fir-rigward tat-tqegħid tal-*boiler* kienet prassi *standard* sabiex jiffaċilita it-tferrigħ tal-misħun u jevita illi il-*boiler* jiċċaqlaq kull darba illi wieħed jkun irid jimla t-tazza.
>
> »Isegwi għalhekk li anke min-natura tal-każ, l-Ewwel Qorit qatt ma setgħet tikkwalifika u tillikwida xi tip ta' danni allegatament sofferiti mill-appellata stante li iktar ġiet enfazzizata r-responsabbilità tas-soċjetà intimata Support Services Limited għan-nuqqasijiet tagħha;
>
> »59. Illi għal dawn il-motivi, l-esponent umilment jissottometti illi l-Ewwel qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi u fatti, għaliex matul il-prosegwiment tal-kawża, u mill-provi prodotti huwa ċar li l-appellant fil-kapaċita tiegħu aġixxa korrettament u in bonae fides u effettivament skont il-prassi standard;
>
> »60. Illi għaldaqstant, l-esponent appellant ma għandhux jinstab responsabbli li kkawża xi tip ta' danni lill-appellata u għandhu jiġi eżonerat minn kwalunkwe responsabbilità.«

39. Iridna nemmnu l-appellant illi "l-prassi li addotta l-appellant fir-rigward tat-tqegħid tal-*boiler*" – *viz*. illi jitqiegħed fuq kaxxa tal-*yoghurt* u mgħotti b'għatu li mhux tiegħu – "kienet prassi *standard*". Ġà rajna, fil-

konsiderazzjonijiet dwar it-tieni aggravju, li dan mhux biss ma jeħlisx lill-appellant mir-responsabbiltà iżda anzi jikkonferma li kien jaf sew b'din il-prassi u approvaha, u għalhekk b'għajnejh miftuħa ippermetta li tibqa' fis-seħħ sitwazzjoni li toħloq perikolu flok tbiegħdu.

40. Dan l-aggravju ma huwiex ħlief ripetizzjoni tal-argumenti mressqa fit-tieni aggravju, u, għall-istess raġunijiet mogħtija għal dak l-aggravju, dan l-aggravju wkoll huwa miċħud.

41. Ngħaddu issa għall-appell tas-soċjetà konvenuta, li magħha kienet impjegata l-attriċi. L-ewwel aggravju jolqot il-leġittimazzjoni passiva tal-appellanti u t-tieni aggravju jolqot ir-responsabbiltà, iżda nistgħu nqisuhom flimkien. L-ewwel aggravju ġie mfisser hekk:

> »Fl-ewwel lok illi l-ewwel qorti kienet skorretta meta kkonkludiet illi "l-imħarrkin it-tnejn għandhom iġorru r-responsabbiltà" u b'hekk ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà appellanti.
>
> »L-ewwel qorti tasal għal din il-konklużjoni a bażi ta' żewġ konsiderazzjonijiet prinċipali, *ossia*,
>
> »(a) illi kien hemm relazzjoni kontrattwali bejn l-attriċi appellata u s-soċjetà appellanti, u
>
> »(b) illi *ai termini* tal-artiklu 1032(1) u (2) tal-Kodiċi Ċivili, kull wieħed iwieġeb għal ħsara li tiġri ħtija tiegħu u jitqies fi ħtija kull min fl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.
>
> »Biex waslet għal din il-konklużjoni l-ewwel qorti għalhekk, għamlet żewġ konsiderazzjonijiet importanti.
>
> »1a) Fl-ewwel lok illi *ai termini* tal-Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta, il-fatt biss illi kien hemm relazzjoni kontrattwali ta' impjieg bejn is-soċjetà appellata [*recte*, appellanti] u l-attriċi, allura jiġi neċessarju illi s-soċjetà mittenti [*recte*, appellanti] kellha tipprovdi kundizzjonijiet tax-xogħol għall-impjegata 'l bogħod mill-periklu.
>
> »Tajjeb illi saret referenza għall-Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Kapitolu illi jittratta appuntu s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, għaliex l-ewwel qorti ma ħaditx kont, per eżempju, tat-tifsira ta' "post tax-xogħol", mfisser bħala
>
>> »"Kull fond, lok, faċilità bastiment jew post jew mkien ieħor, kemm jekk pubbliku u kemm privat, fejn isir xogħol jew li għalih il-ħaddiem ikollu aċċess … … …"

»Dan qed jinġieb għall-aħjar attenzjoni ta' din il-qorti peress illi l-liġi mkien ma tagħmel ness strett u fiss bejn il-ħaddiem u min joħroġlu l-paga – anzi il-liġi u d-definizzjonijiet li tagħti jiftħu ferm aktar u jindikaw ċar illi lil min ikun reż is-servizz / xogħol u l-lok fejn dan isir għandhom impatt kbir u ċar – kif *inoltre* għandu jkun.

»Huwa għalhekk importanti illi jibqa' dejjem f'moħħ il-qorti illi l-kumpanija appellanti *Support Services Ltd* qatt ma kellha kontroll fuq kwistjonijiet ta' saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol ta' ħaddieħor, u għalhekk tkompli ssostni illi mhix il-leġittimu kontradittur. Aktar tard ser isir approfondiment ta' dan.

»Bl-Avviż Legali 282/2004, huwa stabbilit (artiklu 3) illi "min iħaddem għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li l-apparat tax-xogħol għad-dispożizzjoni tal-ħaddiema fl-intrapriża u / jew l-istabbiliment innifsu ikunu adatti għax-xogħol li jkun ser jitwettaq … … …".

»Dan l-artiklu jkompli igħid illi "fl-għażla tal-apparat min iħaddem għandu jagħti każ tal-kundizzjonijiet u l-karatteristiċi speċifiċi tax-xogħol kif ukoll tal-perikli li jeżistu … b'mod speċjali fil-post tax-xogħol, għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema … … …".

»Ix-xogħol ta' *Support Services Ltd* huwa fost oħrajn li toffri servizz billi tipprovdi *Care Workers* fl-Isptar *Mater Dei*, li min-naħa tiegħu jallokahom fid-diversi swali u dipartimenti u dan abbażi ta' kuntratt mal-gvern. Fil-każ ta' Marouska Fenech, kienet ingħatat post bħala *reliever* fl-Isptar *Mater Dei*, kienet tagħmel parti mir-*relieving pool*, u għalhekk ma kienet marbuta ma' ebda sala jew dipartiment u kienet tiġi allokata skont il-ħtieġa u fid-diskrezzjoni tal-Isptar *Mater Dei*.

»Jirriżulta għalhekk ampjament mill-provi prodotti illi s-soċjetà *Support Services Limited* hija għal kollox estraneja għall-post tax-xogħol fejn kienet qegħda taħdem ir-rikorrenti Marouska Fenech, post tax-xogħol fil-kontroll sħiħ u esklussiv tal-Isptar *Mater Dei*. Estraneja ukoll għall-apparat li l-Isptar *Mater Dei* kien jidhirlu opportun illi jinstalla jew jipprovdi f'kull sala. Tali apparat illi jissemma fl-Avviż Legali hawn fuq ċitat irid jiftehem, fil-fattispecie ta' dan il-każ, illi kien l-apparat tal-Isptar *Mater Dei*, liema apparat ma kien f'ebda ħin jew ċirkostanza fil-kontroll tas-soċjetà appellanti.

»Likieku, għal grazzja tal-argument l-attriċi sofriet dannu minħabba, per eżempju, ilbies protettiv inadegwat provdut mis-soċjetà appellanta *Support Services Limited*, kieku kienet tkun storja oħra. Iżda hawnhekk, *non si tratta* ta' apparat provdut minn *Support Services Limited*, iżda apparat, ben stabbilit, proprjetà, provdut, mantnut u mibdul biss u esklussivament minn *Mater Dei*.

»Huwa għalhekk illi s-soċjetà appellanta kellha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju.

»Din il-qorti, fil-każ <u>Sammut *v.* Meli Buġeja</u> (18/01/2008), iddikjarat ir-responsabbiltà għal inċidenti fuq il-post tax-xogħol fuq min ikollu taħt kontroll tiegħu "l-ambjent tax-xogħol" fejn seħħ l-inċident. U dan imur biex jagħti konfort lit-teżi tas-soċjetà appellanta, illi taħt ebda forma ta' immaġinazzjoni ma jista' jingħad illi għandha kontroll fuq l-ambjent tal-Isptar *Mater Dei*.

»1b) L-ewwel qorti għamlet aċċenn għar-relazzjoni kontrattwali bejn l-attriċi appellata u s-soċjetà appellanti.

»L-attriċi naturalment tiġġustifika il-pożizzjoni tagħha li tħarrek ukoll lis-soċjetà *Support Services Limited* fuq il-fatt illi hija kienet impjegata minn *Support Services Limited* u kienet tirċievi l-paga mill-istess soċjetà. Il-fatt li kienet impjegata mas-soċjetà mittenti ma jfissirx illi s-soċjetà mittenti hija responsabbli għas-saħħa u sigurtà tal-post tax-xogħol fejn dawn l-impjegati jiġu allokati / *deployed* u fdati fil-kura ta' ħaddieħor waqt il-qadi ta' dmirijithom, partikolarment f'kuntest fejn *si tratta* ta' *deployment* ġewwa sptar *state of the art* u mogħni bl-uffiċċjali tiegħu tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

»Għaliex kienet tkun storja oħra kieku is-soċjetà appellanti kienet ipprovdiet *deployment* tal-impjegata tagħhom f'xi sptar rinomat għall-problemi ta' saħħa u sigurtà, f'xi klinika miżgħuda b'perikli għall-ħaddiema *etc*. Hemmhekk wieħed kieku ikun jista' jifhem – imma [*sc.* mhux] fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern

»Torrente (*Manuale di Diretto Pruvato – Giuffrè Ed. 9*, paġna 649) jispjega illi, fil-każ ta' *colpa contrattuale*, l-attur jabbastah jipprova r-relazzjonii kontrattwali, filwaqt illi l-intimat jista' jiġġustifika billi jipprova "*di non aver potuto adempire per una causa a lei non imputabile*" U dan l-insenjament huwa preċiżament applikabbli għad-difiża tas-soċjetà appellanti, peress illi l-akkadut incident seħħ għal raġunijiet kompletament estraneji u għal kollox barra mill-kontroll tas-soċjetà appellanti.

»Interessanti ssir referenza għal każ Katerinu Farrugia *v.* Tabib Prinċipali tal-Gvern u *Industrial Projects and Services Limited* deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Marzu 2017. F'dak il-każ ukoll ħaddiem tal-*IPSL* kien qed jirrendi xogħol fl-Isptar San Luqa u korra f'inċident.

»Il-qorti qalet:

> »"Ċertament għalhekk illi bejn l-attur u l-*IPSL* teżisti relazzjoni ġuridika għal dik li hija assenjazzjoni tal-post fejn għandu jsir ix-xogħol u għal-ħlas tal-paga.
>
> »"Iżda l-kawżali u t-talbiet imressqa mill-attur quddiem din il-qorti jirrigwardaw materja diversa u *cioè* talbiet intiżi li jistabbilixxu r-responsabbiltà għall-inċident li fih huwa weġġa' fuq il-post tax-xogħol u l-ħlas tad-danni subiti.
>
> »"Għall-fini tal-każ odjern għalhekk ir-relazzjoni ġuridika li tgħodd hija dik bejn l-attur u min kien legalment responsabbli għas-saħħa u s-sigurtà tiegħu fuq il-post tax-xogħol waqt il-ħin tal-inċident u fil-lok tal-inċident *de quo*.
>
> »"Huwa ċar mix-xhieda estensiva ċitata illi mill-mument li l-attur ġie assenjat mill-*IPSL* biex jagħmel ix-xogħol rikjest mid-Dipartiment tas-Saħħa, kien dan l-istess dipartiment illi ddeċieda u assenjalu d-doveri speċifiċi biex jagħmel xogħol fil-balavostri fil-lok indikat mill-istess dipartiment ġewwa l-Isptar *San Luqa*. *Di più*, kif ammess minn Alexander Buħagiar għan-nom tad-Dipartiment tas-Saħħa, kien l-istess dipartiment li jieħu ħsieb li jgħaddi l-apparat meħtieġ lill-ħaddiema konċernati."

»Kif intqal mill-Qorti tal-Appell fil-każ Alfred Mizzi *v. Sullivan Maritime Limited et* deċiż fit-30 t'Ottubru 2015:

> »"Is-*senior administrator* tal-*Malta Maritime Authority*, li tmexxi x-xogħol fil-port, qal – u dan mhux kontestat – li hu l-aġent li jordna

n-nies; hu l-aġent li jinforma lill-i*stevedore foreman* li hemm xogħol xi jsir abbord il-vapur u minn hemm 'il quddiem il-*foreman* jorganizza kemm ikun meħtieġ li jitilgħu ħaddiema. Dawn il-ħaddiema, magħżula biex jaħdmu fuq il-vapur, ma jkunux impjegati tal-aġent, però jkun l-aġent li jitlob l-assistenza tagħhom; ikun hu li jqabbadhom u jibgħathom fuq il-lant tax-xogħol, u bħala konsegwenza għandu dmir u obbligu li jara li l-ambjent tax-xogħol ikun sikur u ħieles minn kull periklu.

»"Din ir-responsabbiltà ma hijiex dipendenti fuq relazzjoni kuntratt-wali ta' bejn *employer* u *employee*, u dan kif osservat espressa-ment din il-qorti fil-kawża Mallia *v.* Cortis *noe* deċiża fis-7 t'Ottubru 1996. Kif kompliet tispjega il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża Spiteri *v. Malta Freeport Terminals Ltd et* deċiża fil-5 ta' Ottubru 2007:

> »"'Kif qalet il-Qorti fis-sentenza Benjamin Sammut *v. Meli Buġeja Co. Ltd* 10/07/2006, ir-responsabbiltà għal incident fuq il-post tax-xogħol ma tqumx biss mir-relazzjoni ta' bejn ħaddiem u min iħaddmu. Meta l-ambjent tax-xogħol qiegħed taħt il-kontroll ta' min jagħti x-xogħol, dan għandu dmir illi jagħmel dak li hu raġonevolment meħtieġ u prattiku biex jelimina jew, għallinqas, inaqqas il-perikoli u r-riskji għal dawk li hu jqabbad biex jagħmlu xogħol fl-interess tiegħu f'dak l-ambjent. Il-kriterju għalhekk, huwa jekk il-post tax-xogħol huwiex taħt il-kontroll ta' min jagħti x-xogħol.'

»"Darba s-soċjetà *Sullivan Maritime Limited* talbet hi li jsir xogħol fuq bastiment li tagħha kienet agent, tidħol responsabbli biex tara li l-ħaddiema li se jagħmlu xogħol inkarigat minnha u fejn tordna hi, ma jkunux f'riskju ta' ħsara. Kienet hi li talbet is-servizzi ta' ħaddiema għax-xogħol tagħha; allura, f'dak il-mument, tassumi obbligu għall-inkolumit 133 tal-ħaddiema, li tista' tgħid saru 'tagħha'.

»"Żgur għalhekk li għal fini ta' din il-kawża, anke [*sc.* jekk] l-attur ma kienx direttament impjegat mal-konvenut Tabib Ewlieni tal-Gvern, xorta nibtet din ir-relazzjoni ġuridika bejn l-attur u l-konvenut Tabib Prinċipali tal-Gvern (li jagħmel parti mid-Dipartiment tas-Saħħa) għal dak li jirrigwarda x-xogħol li kien qiegħed isir ġewwa l-Isptar *San Luqa* fuq rikjesta ta' dan il-konvenut. Dan bir-responsabbiltajiet kollha li timponi l-liġi fuq il-partijiet konċernati għal dik li hi saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol. L-*IPSL* hija meqjusa estraneja għall-mertu speċifiku tal-każ għax ma kellha ebda rwol fuq il-lant tax-xogħol fl-Isptar *San Luqa* u m'għandhiex konsegwentement tirrispondi għall-azzjoni mressqa mill-attur."

»Kif ingħad fil-każ Raymond Zarb *v. Industrial Projects Services Limited et* deċiża fis-26 ta' Mejju 2016:

> »"'24. L-eccezzjoni dwar il-leġittimu kontradittur:
>
> »"'Is-soċjetà intimata *Industrial Projects Services Limited* issostni li hi estranea għall-proċedura in diżamina *stante* li dakinhar tal-inċident ir-rikorrenti kien assenjat biex jippresta s-servizzi tiegħu lill-Ministeru għat-Turiżmu u l-Kultura.
>
> »"'F'dan ir-rigward għalhekk irid jiġi stabbilit min mill-intimati kellu d-dover li jiżgura li l-ambjent lavorattiv tar-rikorrenti fil-mument tal-inċident kien fi stat raġjonevoli ta' sikurezza kif statutorjament rikjest;

»… … …

»"'… … . id-dover fuq riferit jinkombi fuq minn ikollu l-kontroll tal-ambjent fejn ikun qiegħed isir ix-xogħol fejn iseħħ l-inċident li għalhekk ikun ukoll il-leġittimu kontradittur biex jirrispondi għat-talbiet fir-rigward.

»"'Fil-każ in diżamina allura, għandu jkun paċifiku li hu d-dover tas-soċjetà fejn ir-rikorrenti ġie assenjat li jaħdem … … …:

»"'illi tipprovdi għas-sigurtà u inkolumità tar-rikorrenti magħha assenjat;

»"'illi tipprovdi lill-istess rikorrenti dak l-ilbies meqjus neċess-arju biex tassigura l-istess sigurtà u inkolumità;

»"'illi tipprovdi ambjent sigur skont l-ogħla kriterji statutorja-ment imposti fir-rigward.

»"'In effetti jirriżulta assodat li l-kjamati in kawża pprovdew dak kollu neċessarju biex jintlaħqu dawn l-għanijiet.

»"'*Di più*, jirriżulta wkoll mill-istess analiżi tal-provi prodotti li l-post tax-xogħol fejn seħħ l-inċident kien għalhekk eskluss-ivament taħt il-kontroll tal-kjamati in kawża u li s-soċjetà intimata Industrial *Projects Services Limited* tirriżulta għal kollox estranea għall-akkadut.

»"'Konsegwentement:

»"'illi kien id-dmir tal-kjamati in kawża li jeffettwaw ir-"risk assessment" in diżamina;

»"'kien id-dmir tal-istess kjamati in kawża li jidentifikaw il-perikoli involuti;

»"'kien finalment ukoll id-dmir tal-istess kjamati in kawża li jagħmlu dak raġonevolment meħtieġ minnhom biex jeliminaw, jew għallanqas, inaqqsu l-perikoli riskontrati.

»"'*In vista* tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li s-soċjetà intimata *Industrial Projects Services Limited* ipprovat din l-eċċezzjoni preliminari minnha sollevata, u konsegwentement:

»"'takkolji din l-eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà intimata;

»"'tiddikjara għalhekk li l-istess soċjetà intimata mhiex il-leġittimu kontradittur fil-proċedura odjerna;

»"'għaldaqstant, tillibera lis-soċjetà intimata mill-osservanza tal-ġudizzju.'

»"Il-qorti tikkondividi pjenament mal-insenjament ta' din is-sentenza u għalhekk ser tagħmel tagħha l-istess *ratio decidendi*. Fil-każ tal-lum huwa biss il-konvenut Tabib Prinċipali tal-Gvern li għandu jwieġeb għall-pretensjonijiet tal-attur."

»Sentenza din ikkwotata essenzjalment peress illi hija deċiżjoni tal-Prim'Awla fuq sitwazzjoni parallela u analoga għal din il-kawża odjerna. Is-soċjetà *Support Services Ltd* tinsab preċiż fl-istess pożizzjoni illi kienet hemmhekk tinsab is-soċjetà *IPSL*.

»Din l-iskorta ta' sentenzi tagħmel ħafna sens. Mhux biss għaliex tagħti interpretazzjoni tajba u korretta tal-liġijiet li jirregolaw il-post tax-xogħol u s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, iżda ukoll peress illi altrimenti naqgħu fl-assurdità illi kumpannija, illi jkollha mijiet ta' ħaddiema fuq il-kotba tagħha intiżi biss biex tħarreġ il-ħaddiema u

issibilhom allokazzjoni f'entità' oħra permezz tal-kuntratt ta' *deployment*, issib ruħha responsabbli għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema f'kull post fejn ġew *deployed* – allura, fil-każ ta' *Support Services Ltd*, tal-Isptar *Mater Dei* kollha, kull sala, klinika *etc.* u kull sptar ieħor f'Malta kopert bil-ftehim tagħha mal-gvern. Ċertament illi dan mhux possibbli, ma għandux ikun u fuq kollox huwa irraġjonevoli.

»Għalhekk hija ċara illi r-responsabbiltà taqa' f'idejn minn min għandu kontroll fuq il-post tax-xogħol, f'dan il-każ l-Isptar *Mater Dei*, ċertament allura mhix ir-responsabbiltà [*sc.* ta'] *Support Services Ltd*.

»Għax jekk ma jkunx hekk, allura dan ikun ifisser illi *Support Services Ltd* għandha dritt tinterferixxi f'kull ambjent tax-xogħol fejn jiġu allokati l-ħaddiema tagħha, bħal l-Isptar *Mater Dei* u sptarijiet oħra. Dawn l-isptarijiet governattivi għandhom it-tmexxija tagħhom u, fejn tidħol saħħa u sigurtà, għandhom l-uffiċjali jew uffiċji sħaħ tagħhom, u għalhekk hija ħaġa mhux biss impossibbli imma fuq kollox konfużjonali jekk kuntrattur jitħalla jindaħal, peress illi kull entità diġà jkollha l-persuna tagħha responsabbli mill-istess saħħa u sigurtà – *inoltre* kif irriżulta mill-provi.

»1c) L-ewwel qorti tirreferi għall-artikolu 1032 tal-Kap. 16 li jaqra hekk:

> »"Jitqies fi ħtija kull min <u>bl-egħmil tiegħu</u> ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.
>
> »" Ħadd ma jwieġeb, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tal-liġi, għall-ħsara li tiġri minħabba nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb fi grad akbar."

»Ġew sottolineati l-kliem "bl-egħmil tiegħu" appuntu għaliex dak li trid il-liġi huwa appuntu illi min jagħmel xi ħaġa, min jagħmel għemil, u ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja, allura jirrispondi għal tali għemil jekk dak jikkawża ħsara.

»Mela altru prinċipal qabbad ħaddiem jaħdem fuq makna illi kien jaf illi ma kinitx sikura u altru l-każ odjern.

»Mill-provi prodotti jirriżulta illi s-soċjetà appellanti ma għamlet u ma hi responsabbli għal ebda egħmil li kkawża ħsara lill-appellata u, aktar minn hekk, li dak l-għemil sar b'nuqqas ta' prudenza, diliġenza jew ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.

»F'kuntest:

»• fejn l-impjegata tas-soċjetà appellanti ma kienitx *deployed* f'xi sptar medjokri, *sub-standard*, imma fl-Isptar *Mater Dei*, ben saput illi huwa *state of the art*;

»• fejn l-Isptar *Mater Dei* huwa mogħni b'ħafna apart ġdid u fih isir investiment kontinwu;

»• fejn l-Isptar *Mater Dei* illi għandu addirittura l-uffiċjali tiegħu responsabbli mis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol;

»• fejn jirriżulta illi qatt, minn ħadd, ma s-soċjetà appellanti kellha xi lment dwar xi periklu jew problema relatata mas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol;

»• fejn ma hux disputat illi s-soċjetà appellanta tipprovdi l-ħwejjeġ u l-attrezzamenti adegwati tagħha lill-ħaddiema tagħha in

relazzjoni mas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol skond il-kuntratti pubbliċi li bihom jaħdmu;

»• fejn jirriżulta illi l-impjegati tas-soċjetà appellanti jiġi assikurat illi għandhom il-kwalifiki meħtieġa, it-taħriġ neċessarju li jinkludi għarfien dwar ir-riskji u l-perikli li ħaddiema li jaħdmu f'ambjent kliniku bħal ma huma sptar jew klinika jistgħu jkunu esposti għalihom;'

»• fejn is-soċjetà appellanti tassikura mal-ingaġġ tal-impjegati tagħha illi l-istess impjegati jifhmu x'miżuri mistennija jieħdu biex jipprevenu u jevitaw inċidenti; u

»• fejn jirriżulta ċar illi l-periklu kien naxxenti minn *boiler* li miegħu s-soċjetà appellanti ma kellhiex konnessjoni, imma ukoll illi d-dannu soffert mill-appellata mhuwiex riżultat ta' nuqqas jew għemil ħażin (kif trid il-liġi) tas-soċjetà appellanti, imqar għax ma tatx xi lbies protettiv.

»Fil-kuntest ta' dan kollu, jista' qatt jiġi addebitat xi għemil lis-soċjetà appellanti li minħabba nuqqas ta' prudenza, diliġenza jew ħarsien ta' missier tajjeb tal-familja għandu jwassal għar-responsabbiltà tas-soċjetà appellanti fil-kuntest ta' dak li trid il-liġi?

»Jiġi umilent sottomess għalhekk u *in linea* ma' dan l-ewwel aggravju illi:

»• il-Kap. 424 irid jinqara' fil-kuntest sħiħ tiegħu, u din il-qorti ma tistax teskludi d-definizzjoni ta' post tax-xogħol, li ċertament iwassal biex jiġi determinat illi l-*Mater Dei* kien, fil-kuntest anke ta' dan l-att, responsabbli li jipprovdi ambjent san tax-xogħol, fuq kollox kif ġà ampjament stabbilit bil-ġurisprudenza tagħna hawn fuq ikkwotata;

»• ir-rabta kontrattwali ma timplikax *sine qua non* illi hemm ness bejn l-inċident u l-prinċipal; anzi, kif fuq spjegat, ma għandux ikun hemm ħtija kontrattwali, iżda akkwiljana, liema ħtija hija tal-*Mater Dei*;

»• *ai termini* tal-provvedimenti tal-Kap. 16 anke ċċitati u riferiti mill-ewwel qorti, ċertament ma jistax jiġi konkluż illi jirriżulta xi għemil da parti tas-soċjetà appellanti li kien magħmul b'nuqqas ta' prudenza, diliġenza u b'nuqqas lejn il-prinċipju ta' ħarsien ta' missier tajjeb tal-familja.

»U kwindi huwa leġittimu jingħad, kif issostni fl-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà appellanta, illi hija ma kelliex il-kontroll fuq il-miżuri tas-sigurtà li jingħataw l-impjegati fl-Isptar *Mater Dei* u li allura kellha tinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju.«

42. It-tieni aggravju jgħid hekk:

»Fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost, illi l-ewwel qorti kienet skorretta meta, dwar il-kwistjoni tar-responsabbiltà, qalet "dan l-inċident seta' faċilment ġie evitat kemm-il darba kull waħda mill-imħarrkin għamlet dak li kien minnha mistenni li tagħmel".

»Hawnhekk jiġi sottomess illi għalkemm is-soċjetà esponenti tħoss illi a bażi tal-aggravju su-riportat fid-dettal din il-qorti għandha tasal biex teżonorha minn kull responsabbiltà għal kwalsiasi danni sofferti mill-appellata, u mingħajr ripetizzjoni, ser issa jiġi trattat dan l-aggravju riferibbli għat-tieni parti tas-sentenza appellata.

»Is-soċjetà appellanta, biex tissostanzja dan l-aggravju, sejra taqbad kull osservazzjoni magħmula mill-ewwel qorti fir-rigward tal-istess, u tressaq l-osservazzjonijiet tagħha.

»2a) L-ewwel qorti tirreferi għall-artikolu 1037 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u tgħid illi, *ai termini* tal-istess, "kull min iħaddem irid iwieġeb għall-aġir tiegħu mal-ħaddiem tiegħu"*.*

»Jingħad illi l-artiklu tal-liġi kkwotat igħid testwalment "Kull min għal xi xogħol jew servizz ieħor iqabbad persuna mhux ta' ħila, jew illi hu ma jkollux raġun jaħseb li hija ta' ħila, hu obbligat għall-ħsara illi dik il-persuna, minħabba n-nuqqas ta' ħila tagħha, tikkaġuna lil ħaddieħor fl-esekuzzjoni tax-xogħol jew servizz hawn fuq imsemmi"

»Qed jiġi firmament kkontestat l-applikabilità ta' dan l-artiklu tal-liġi għall-każ odjern, in kwantu illi hawnhekk ma hawn ebda kwistjoni ta' persuna mqabbda tagħmel xogħol li ma hiex ta' ħila. Lanqas ma hi kwistjoni illi l-appellata għamlet xi ħsara illi s-soċjetà appellanta trid tagħmel tajjeb għaliha għaliex imissha rat illi l-appellata ma kienitx ta' ħila. Dan il-provvediment tal-liġi huwa għalhekk inapplikabbli għal każ odjern u l-ewwel qorti kienet skorretta tużah biex timmotiva l-konklużjoni tagħha bih.

»2b) L-ewwel qorti tgħid illi l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'ambjent li jżomm 'il bogħod kull periklu u dan billi jiżgura illi titħaddem sistema xierqa ta' ħarsien minn kull periklu fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub.

»Mingħajr repetizzjoni għal dak li ġja intqal qabel, jingħad biss u jiġi emfasizzat illi x-xogħol mill-appellata f'dik il-ġurnata kien mitlub mill-*Mater Dei*, li kienet, *qua reliever*, mitluba tmur taħdem fid-Dipartiment tas-*CCCU* u c-*CMW*. Hemm biss jirriżulta illi kien hemm *boiler* tal-*Mater Dei* li ma kienx qiegħed sewwa u li kkawża l-inċident u hemm-hekk kienet assenjata tmur mill-*management* tal-*Mater Dei* u mhux mis-soċjetà esponenti.

»Kwindi huwa leġittimu jingħad illi kienet il-*Mater Dei* li poġġiet lill-attriċi fil-periklu.

»2c) L-ewwel qorti ukoll tgħid illi fuq l-imgħallem jaqa' l-piż li jipprova li l-inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnhu f'dan ir-rigward.

»U x'jirriżulta mill-proċess, issaqsi s-soċjetà appellanta, illi jwassal biex wieħed jikkonkludi illi s-soċjetà esponenti ma ħarsitx dak kollu li huwa mistenni minnha qua prinċipal? xejn.

»Ma jirriżultax illi l-appellata kellha xi nuqqas ta' abbiljament neċess-arju, lanqas ma jirriżulta illi ma kellhiex kwalifiki jew taħriġ ta' *care worker*. Jirriżulta illi l-kumpannija appellata tagħti, b'kuntratt pubbliku, servizzi f'istituzzjonijiet tas-saħħa tal-gvern. Dan il-każ ġara l-*Mater Dei*, sptar ġdid fjamant *state of the art*. Jirriżulta illi l-*Mater Dei* għandu l-*H&S officer* tiegħu. Jirriżulta illi qatt ma s-soċjetà appellanta kellha xi ilment dwar dan il-*boiler*. Jirriżulta illi hekk kif il-gvern jistenna l-aqwa

servizz mill-kuntrattur, daqstant ieħor il-gvern (*Mater Dei*) huwa mistenni minnu l-aqwa u l-iprem ambjent tax-xogħol 'il bogħod minn perikli għall-ħaddiema pprovduti lilu. Jirriżulta illi r-responsabbiltà ta' *boiler* imqiegħed ħażin u b'għatu falz kienet u kienet biss ir-responsabbiltà tal-Isptar *Mater Dei*.

»Fil-kuntest ta' dawn ir-riżultanzi kollha għalhekk, jista' qatt jingħad illi s-soċjetà mittenti [*recte*, appellanti] ma ppruvatx illi dak li seħħ seħħ minkejja illi ħarset dak kollu minnha mistenni mill-liġi?

»2d) L-ewwel qorti tagħmel ukoll referenza għall-artiklu 6 tal-Kap. 424 u tgħid illi huwa dmir li jitfa' fuq min iħaddem il-piż li jieħu miżuri preskritti xierqa u jġib miegħu ukoll id-dmir tal-għoti ta' tagħrif meħtieġ, l-għoti ta' tagħlim u taħriġ u kif ukoll superviżjoni biex titħares is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiem.

»Jingħad illi dan il-provvediment mhux applikabbli u jekk, inhu, żgur mhux fil-konfront tas-soċjetà [appellanti], imma *al più*, fil-konfront tal-Isptar *Mater Dei*.

»Dan qed jingħad peress illi l-inċident ma seħħx konsegwenza ta' użu ħażin ta' xi apparat li l-prinċipal imessu għallem l-użu tiegħu lill-ħaddiem qabel beda jużah, imma seħħ biss u unikament minħabba apparat anċillari għax-xogħol proprju tal-ħaddiema *de quo*, liema apparat (*boiler*) huwa responsabbiltà esklussiva tal-*Mater Dei*. Kienet forsi tkun storja oħra illi l-inċident seħħ b'xi apparat mediku illi *care worker* pprovduta mis-soċjetà appellanti kellha tkun mgħarrfa kif tużah, imma użatu ħażin, imma hawnhekk *non si tratta* ta' dan il-każ.

»B'din id-disposizzjoni, ċertament illi l-leġislatur ried jafferma ir-responsabbiltà ta' min iħaddem illi jħarreġ sewwa lill-impjegati tiegħu fl-użu ta' makkinarju (per eżempju) użat fil-kors tax-xogħol tagħhom u hekk provvdut mill-istess imgħallem imma ċertament mhux illi jinżamm responsabbli prinċipal għal nuqqas ta' terza persuna f'apparat anċillari appuntu tat-terz.

»2e) L-ewwel qorti tislet silta mis-sentenza <u>Calleja *v.* Fino</u> u tgħid li "jekk sistema tkun ilha titħaddem għal tul ta' żmien bla ma qatt ikun inqala' xi inċident, dan ma jfissirx illi dak is-sistema huwa wieħed sikur jew li jeħles lill-imgħallem mir-rabtiet imposti fuqu bil-liġi".

»Dan l-insenjament ma jistax japplika għall-każ in eżami. Huwa fatt asserit illi s-soċjetà [appellanti] ma kellha u ma seta' qatt ikollha ebda kontroll fuq il-makkinarju li jinsab fl-Isptar *Mater Dei*, wisq anqas fuq makkinarju mhux użat fil-kors ordinarju u mistenni tax-xogħol tal-impjegati. Għal dak il-makkinarju u s-sigurtà tiegħu il-*Mater Dei* għandha l-*H&S officer* tagħha, li tirrispondi hi – u dan il-fatt importanti ma jista' qatt jiġi skartat. Sakemm, *al più*, ma jirriżultax illi qatt kien inġieb għall-attenzjoni tas-soċjetà [appellanti] li kien hemm xi periklu – ħaġa li mhux talli ma tirriżultax, talli anzi hija posittivament eskluża. Kwindi l-fatt illi l-boiler seta' kien ilu hekk ma jeżonerax lill-prinċipal, trid se mai, tiġi attribwibbli għal sid il-boiler f'dan il-każ u mhux għall-prinċipal dirett tal-attriċi, li in ogni caso ma jirriżultax lanqas illi l-attriċi kienet ilha tiġi assenjata doveri fis-CCMU.

»2f) L-ewwel qorti tgħid illi "jinħtieġ tqis l-ambjent kollu tal-post tax-xogħol, jiġifieri mhux biss tal-makkinarju jew l-impjant li fuqu jew bih ikun qiegħed jitwettaq ix-xogħol magħżul, imma saħansitra l-mod kif

ikun qed jitwettaq ix-xogħol u l-ambjent li fih il-ħaddiem involut ikun tqiegħed jaħdem mill-imgħallem tiegħu"*.*

»U filwaqt illi l-qorti kellha raġun tagħmel dan, l-ewwel qorti żbaljat kostantament għaliex naqset milli tagħmel id-distinzjoni tar-rwol illi kellu, fil-każ in eżami, il-prinċipal u l-Mater Dei. Mhux sewwa illi fis-sitwazzjoni odjerna jitpoġġew fl-istess keffa meta huwa stabbilit illi l-kumpannija appellanti ma kellha ebda kontroll fuq (a) il-makkinarju, (b) l-impjant, (ċ) il-mod kif kien qed jitwettaq ix-xogħol u (d) l-ambjent li fih il-ħaddiem kien qed jaħdem.

»Anzi jirriżulta ċar illi dan kien kollu fil-kontroll tal-*Mater Dei Hospital*.

»Jiġi ribadit illi s-soċjetà appellata kienet marbuta illi tipprovdi ħaddiema tagħha *in linea* ma' kuntratt li għandha mal-gvern, imma l-Isptar *Mater Dei* għandu l-i*standards* tiegħu (suppost għoljin), għandu l-*health & safety officer* tiegħu u għandu hu l-esklussività fuq materji ta' saħħa u sigurtà fl-isptar għall-ħaddiema li jaħdmu hemm. U jagħmel sens, għaliex altrimenti u kif trid l-ewwel qorti, allura il-kumpannija li tissupplixxi l-*care workers* tindaħal f'materji ta' saħħa u sigurtà fil-*Mater Dei*, il-kumpannija li tipprovdi *cleaners* tindaħal f'materji ta' saħħa u sigurtà fil-*Mater Dei*, il-kumpannija li tipprovdi servizzi tal-ikel tindaħal f'materji ta' saħħa u sigurtà fil-*Mater Dei*, *etc.* – u tkun ir-riċetta għall-falliment, it-taħwid u l-veru nuqqas ta' res-ponsabbiltà li għandha tittieħed. Huwa għalhekk illi materji ta' saħħa u sigurtà fi ħdan il-*Mater Dei* jaqgħu fir-responsabbiltà esklussiva tal-uffiċjali inkarigati għalhekk mill-istess *Mater Dei*. U huwa ukoll għalhekk skorret dak li qalet l-ewwel qorti meta qalet illi "*SSL* kienet hi li assenjat lill-attriċi biex taħdem fl-isptar u għaldaqstant kellha l-obbligu li tagħmel is-sorveljanza meħtieġa biex tassikura li l-impjegati tagħha jkunu 'l bogħod u mħarsa minn kull periklu".

»Dan, safejn raġjonevoli u aċċettat, jirriżulta illi għamlitu, imma mhux f'loku illi immorru fl-estrem. Kemm, kif ġà ingħad, għaliex qatt ma kellha rapport ta' perikli, kemm għaliex hawnhekk *si tratta* ta' inċident naxxenti minn apparat li ma għandhiex kontroll fuqu, kemm għaliex it-twessigħ tal-argument u r-responsabbiltà kif tridha l-ewwel qorti jġiegħel wieħed jikkonkludi għalhekk illi, jekk *care worker detailed* il-*Mater Dei* tiżloq f'tapit, responsabbli s-soċjetà appellata; jekk ifaqqa' *pipe* tal-ilma misħun tal-*Acorn* fil-*Mater Dei* u tinstamat impjegata, responsabbli s-soċjetà appellata; jekk jillikja xi gass minn xi apparat fil-*Mater Dei* u jagħmel ħsara lil impjegat allura repsonsabbli s-soċjetà appellanti; jekk jaqa' bieb tal-ħġieġ fuq impjegata allura responsabbli s-soċjetà appellata.

»Dan mhux biss mhux prattiku, imma ukoll legalment insostenibbli għaliex ċertament il-leġislatur ma ridtx dan, aktar u aktar meta huwa dejjem identifikat min għandu jerfa' r-responsabbiltà għal tali inċidenti. Mhux mistenni, ċertament, minn prinċipal prudenti u missier tajjeb tal-familja, li b'kuntratt ma' awtorità governattiva, fi sptar ġdid *state of the art*, illi qabel ma jiġu *detailed* fuq bażi kulljum, jissorvelja l-ispitar kollu sabiex jassikura illi ma jkunx hemm perikli bħal dawn. Bl-istess mod, jirriżulta illi safejn kien obbligu tagħha, safejn kien obbligu tas-soċjetà appellanti, hija qdiet id-doveri tagħha. Jirriżulta biss illi l-periklu li kien hemm kien tort unikament tal-*Mater Dei*, u kwindi għandha *se mai*, tkun hi u hi biss ir-responsabbli għall-istess inċident.

»… … …

»2g) Interessanti illi l-ewwel qorti osservat, fil-kuntest tad-diskussjoni tagħha dwar il-kontributorjetà *o meno* tal-attriċi, illi "kif sewwa fisser ir-rappresentant tal-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-post tax-Xogħol, l-inċident kien dovut għas-sehem ta' bosta nies, ibda minn dik il-persuna li ppermettiet li tinżamm prassi xejn tajba fejn *boiler* jintrifed fuq wiċċ mhux sod, sal-fatt li t-tmexxija tas-sala ma tafx min seta' mela l-*boiler* bl-ilma aktar milli suppost. Ta' min igħid ukoll li, mill-provi mressqa, wara li seħħ l-inċident, mhux biss twaqqfet il-prattika li l-boi*l*er jintrifed fuq qiegħ ħafif, imma l-istess *boiler* inbidel b'wieħed ta' għamla u disinn differenti, fosthom fil-mod kif jingħalaq l-għatu tiegħu".

»Jingħad illi proprju dawn l-argumenti kollha, jekk kienu validi biex l-ewwel qorti eskolpiet kwalsiasi kontributorjetà fuq l-attriċi, għandhom b'mod ugwali japplikaw sabiex jeskolpaw ukoll lis-soċjetà appellanti; altrimenti jkun qed isir kejl differenti fuq l-istess fatti prodotti.

»Għaliex jekk il-"bosta nies" msemmija mir-rappresentant tal-*OHSA* huma kollha ħaddiema u responsabbiltà tal-*Mater Dei* u jekk id-deċiżjoni li jinbidel u jinġieb boiler ġdid differenti fl-għamla u d-disinn huma attribwibbli biss u esklussivament lil *Mater Dei*, imma allura x'sens jagħmel illi teżonera lill-attriċi imma mhux lis-soċjetà appellanti.

»2h) Għaliex l-ewwel qorti kkonkludiet illi "tasal għal fehma illi dan l-inċident seta' faċilment ġie evitat kemm-il darba kull waħda mill-imħarrkin għamlet dak li kien minnha mistenni li tagħmel" imma tonqos milli tgħid preċiżament, fil-kuntest tal-*boiler*, x'kien mistenni mis-soċjetà appellanti.

»Dan qed jingħad ukoll fil-kuntest illi l-ewwel qorti dehret sodisfatta illi l-*boiler de quo* kien responsabbiltà esklussiva tal-*Mater Dei*. Ukoll tal-fatt illi aċċettat it-teżi tal-*OHSA* li l-persuni li kellhom repsonsabbiltà kienu kollha impjegati tal-*Mater Dei*. Ukoll tal-fatt illi s-soċjetà appell-anti qatt ma kellha rapport dwar l-istess *boiler*. Ukoll tal-fatt illi l-kumpannija appellanti tidditelja ħaddiema l-Isptar *Mater Dei* imma mbagħad huwa l-*management* tal-*Mater Dei* li jassenja l-ħaddiema fil-*wards* fejn jinħtieġ hu.

»U tenut kont dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, wieħed bilfors isaqsi: imma preċiżament, xi missha għamlet is-soċjetà esponenti biex jiġi evitat l-inċident? X'kellu jkun l-intervent tas-soċjetà appellanti, fil-kuntest tal-fatt quddiemna, biex iwassal li jiġi evitat l-inċident? X'kien mistenni mis-soċjetà appellanti li tagħmel u li ma għamlitx biex ikun evitat l-inċident?

»Jiġi sottomess illi mill-qari akkurat tal-proċess u bl-applikazzjoni raġjonat tal-liġi, ma għandux jinstab illi s-soċjetà appellanti naqset mid-doveri tagħha jew li kellha tagħmel xi ħaġa li ma għamlitx jew li jmissha ħadet xi azzjoni biex jiġi evitat l-inċidenti li ma ħaditx.

»*Al più*, għandu jinstab illi l-*Mater Dei* kien esklussivament respons-abbli għal dan l-inċident. Altrimenti, u jekk inhu mod ieħor, allura ċertament li trid tinbidiel id-dinamika kollha tal-mod kif jiġu operati il-kuntratti ta' *deployment*, ukoll mal-gvern.«

43. Safejn l-ewwel aggravju jrid illi s-soċjetà appellanti tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju għax mhix kontradittriċi leġittima, huwa ħażin għax is-soċjetà

tibqa’ dejjem marbuta bid-dmirijiet lejn l-attriċi impjegata tagħha. It-talba illi l-appellanti tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju għalhekk ma tistax tintlaqa’.

44. Jonqos iżda illi naraw jekk l-appellanti naqsitx tassew milli tħares dawn id-dmirijiet lejn l-attriċi.

45. Jingħad qabel xejn, dwar l-ewwel parti tat-tieni aggravju, illi r-referenza għall-art. 1037 tal-Kodiċi Ċivili (dwar *culpa in eligendo*) li saret f’*footnote* fis-sentenza appellata kienet evidentement referenza għall-artikolu żbaljat u ma tibdel xejn mill-motivazzjoni tas-sentenza.

46. Billi min iħaddem jibgħat lill-ħaddiem tiegħu jaħdmu f’ambjent kontrollat minn ħaddieħor, b’hekk ma jinħelisx mid-dmirijiet tiegħu f’dak li għandu x’jaqsam mas-saħħa u s-sigurtà. Fost dawn id-dmirijiet, illi joħorġu mill-art. 6(2) tal-Kap. 424 fis-seħħ fiż-żmien relevanti, hemm dawn:

> »(2) Il-miżuri li għandhom jittieħdu minn min iħaddem biex jevita dannu fiżiku u psikoloġiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xogħol, għandhom jittieħdu fuq il-bażi ta’ dawn il-prinċipji ġenerali ta’ prevenzjoni li ġejjin, jiġifieri -
>
> »(*a*) li jiġi evitat riskju;
>
> »(*b*) l-identifikazzjoni ta’ perikli assoċjati max-xogħol;
>
> »(*ċ*) l-evalwazzjoni ta’ dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu 0evitati;
>
> »(*d*) il-kontroll mill-bidu ta’ dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;
>
> »(*e*) li jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jirriduċu r-riskju kemm ikun raġonevolment prattiku, inkluż li jitbiddel dak li huwa perikoluż b’dak li ma jkunx perikoluż jew li jkun anqas perikoluż;
>
> »… … …«

47. Dawn id-dmirijiet jibqgħu jorbtu wkoll jekk il-ħaddiem jintbagħat jaħdem ma’ ħaddieħor, kif ġara fil-każ tallum.

48. Tassew illi, kif tgħid l-appellanti, ma tistax tindaħal lil min imexxi l-isptar dwar il-miżuri maħsuba għall-ħarsien tas-saħħa u s-sigurtà, iżda dan ma jeħlishiex mid-dmirijiet tagħha li tiddentifika r-riskji u x'miżuri huma meħtieġa biex jitwarrab il-perikolu, u li tgħarraf lil dawk li jmexxu l-isptar b'dawn ir-riskji u perikoli, bħal meta *boiler* mimli ilma jagħli jitqiegħed fuq bażi instabbli. Dan ma kienx każ imprevedibbli jew perikolu li nħoloq istantanjament, iżda stat ta' fatt itul fiż-żmien li ħoloq perikolu evidenti. Kif ingħad, ma tistax l-appellanti ġġiegħel lil min imexxi l-isptar jimplimenta l-miżuri li jidhrulha meħtieġa u li trid hi, iżda dejjem ikollha l-għażla, u anzi d-dmir, illi ma tibgħatx lil ħaddiema tagħha jaħdmu f'ambjent fejn ġew identifikati perikoli, u min kellu s-setgħa li jieħu dawk il-miżuri meħtieġa biex jitneħħa l-perikolu baqa' ma ħadhomx.

49. Biex tista' tagħmel hekk l-appellanti kellha naturalment tispezzjona l-ambjenti fejn il-ħaddiem tagħha setgħu jintbagħtu jaħdmu, u mhux tistenna illi "jinġieb għall-attenzjoni [tagħha] li kien hemm xi periklu"; kieku għamlet dak li kellha tagħmel kienet tagħraf il-perikolu maħluq mill-*boiler*. Evidenti illi dan kollu ma għamlitux u għalhekk taħti u twieġeb hi wkoll għall-ħsara li saret. U ma tistax tfarfar din ir-responsabbilità billi titfagħha fuq ħaddieħor, kif qiegħda tfittex li tagħmel f'dan l-appell.

50. Jista' jkun illi, kif tgħid l-appellanti, biex parti ma titħalliex tfarfar ir-responsabbilità "trid tinbidiel id-dinamika kollha tal-mod kif jiġu operati l-kuntratti ta' *deployment*, ukoll mal-gvern", iżda *adducere inconveniens non est solvere argumentum*: jekk huwa dan li huwa meħtieġ biex inċidenti bħal dawn ma jibqgħux iseħħu, mela dan hu dak illi għandu jsir.

51. Madankollu, għalkemm huwa minnu illi s-soċjetà konvenuta naqset mid-dmir lejn l-impjegata tagħha, in-nuqqas tal-isptar huwa aktar gravi minn tagħha għax huma d-diriġenti tal-isptar li għandhom kontroll aktar dirett u immedjat fuq l-ambjent fejn jaħdmu l-ħaddiema. Għalhekk ma huwiex xieraq li s-soċjetà konvenuta ġġorr ħtija daqs it-Tabib Ewlieni tal-Gvern.

52. Il-qorti għalhekk sejra taqsam hekk is-sehem tal-ħtija tal-konvenuti (b'żieda mal-ħmistax fil-mija li ġġorr l-attriċi): ħamsin fil-mija (50%) fuq it-Tabib Ewlieni u ħamsa u tletin fil-mija (35%) fuq is-soċjetà konvenuta *Support Services Limited*.

53. F'dan is-sens biss il-qorti tilqa' l-appell tas-soċjetà konvenuta.

54. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha fejn tefgħet il-ħtija kollha fuq iż-żewġ konvenuti flimkien u tgħid minflok illi t-Tabib Ewlieni tal-Gvern jaħti għal ħamsin fil-mija (50%) u s-soċjetà konvenuta għal ħamsa u tletin fil-mija (35%). Għalhekk tikkundanna lit-Tabib Ewlieni tal-Gvern iħallas lill-attriċi (€9,553) [3] u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attriċi sitt elef, sitt mija u sebgħa u tmenin euro (€6,687)[4], flimkien mal-imgħaxijiet minn dakinhar tas-sentenza appellata.

55. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell jinqasmu hekk: ħamsin fil-mija (50%) iħallashom it-Tabib Ewlieni tal-Gvern; ħamsa u tletin

---

3 €19,106.42 × 50% = €9,553.21

4 €19,106.42 × 35% = €6,687.25

fil-mija (35%) tħallashom is-soċjetà konvenuta u ħmistax fil-mija (15%) tħallashom l-attriċi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
jb